KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fit-22 ta' Ottubru 2009[1]

I — Introduzzjoni

"*δός μοί (φησι) πού στώ καί κινώ τήν γήν*"[2]

1. Din il-fraži hija attribwita lill-ħassieb Grieg Arkimede. Hija turi l-effett tal-liġijiet tal-lieva żviluppati minnu.

2. Arkimide kien igħix fil-belt ta' Siracusa fi Sqallija. Mhux 'il bogħod minn din il-Belt tinsab bajja, ir-Rada di Augusta, li huwa sit li ilu għal bosta snin imniġġes minn sustanzi tossiċi. It-tentattivi biex jiġu rrimedjati dawn id-danni ambjentali taw lok għat-talbiet preżenti għal deċiżjoni preliminari[3].

3. Ċertament, ma inix mitlub insib punt ta' sostenn minn fejn tista' tiġi mċaqilqa d-dinja. Madankollu, titqajjem il-kwistjoni sostantiva tar-responsabbilità għal danni ambjentali. Ħuma biss dawk li jikkawżaw id-dannu li huma responsabbli jew tista' tkun involuta wkoll ir-responsabbilità ta' atturi oħra li għandhom fil-pussess tagħhom artijiet fuq is-sit inkwistjoni jew li jeżerċitaw attività industrijali fuqhom?

4. Fil-fatt, fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-378/08, ġie sostnut li l-awtoritajiet kompetenti ġegħlu lill-impriżi li joperaw fuq is-sit inkwistjoni li jirrimedjaw id-danni ambjentali mingħajr ma kienet ivverifikata u murija l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — "Agħtuni punt ta' sostenn u tavla b'saħħitha biżżejjed u jiena inċaqlaq id-dinja", iċċitat minn Pappus Alexandrinus, Collectionis quae supersunt, Voluminis 3, Tomus 1, ippubblikat minn Friedrich Hultsch, 1878, p. 1060 (http://gallica.bnf.fr/ark:/12148/bpt6k99429t.image.f62.pagination, ikkonsultat fl-aħħar lok fit-2 ta' Setttembru 2009).

3 — Minbarra t-tliet kawżi eżaminati hawnhekk, żewġ kawżi oħra li jikkonċernaw dan is-sit imniġġes għadhom fil-proċess li jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja: Buzzi Unicern et (C-478/08 u C-479/08, ĠU 2009 C 19, p. 14-15).

l-aġir tal-impriżi u l-ħsara ambjentali jew l-eżistenza ta' ħtija tal-impriżi.

7. Fl-aħħar, mill-perspettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi, qiegħed jiġi mistoqsi taħt liema kundizzjonijiet l-awtorità pubblika tista' tagħti kuntratti dwar l-ippjanar jew l-eżekuzzjoni ta' miżuri ta' rimedji mingħajr ma tapplika l-proċedura imposta għall-kuntratti pubbliċi.

5. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi din id-domanda billi, b'mod partikolari, tpoġġi ruħha fil-kuntest tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali[4] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali" jew id-"Direttiva 2004/35"). Madankollu, hemm lok li jiġi mistoqsi mill-ewwel safejn din id-direttiva tista' tkun rilevanti għall-ħsara li saret il-biċċa l-kbira qabel ma daħlet fis-seħħ id-direttiva.

II — Il-kuntest ġuridiku

8. Il-prinċipji Komunitarji fir-rigward tal-politika ambjentali, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas huma espressi fl-Artikolu 174(2) KE

"Il-Politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità.

6. Il-miżuri ordnati biex tiġi rrimedjata l-ħsara jqajmu domandi oħra. Sussegwentement, l-awtoritajiet kompetenti biddlu sostanzjalment, il-pjan kontra t-tniġġis li kien diġà adottat mingħajr ma kkonsultaw l-impriżi kkonċernati, investigaw l-effetti ta' dan it-tibdil jew immotivaw dan it-tip ta' aġir. Għaldaqstant, qiegħed jiġi mistoqsi jekk dan huwiex konformi mad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali.

Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes iħallas.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357.

[…]"

9. Jirriżulta mill-għan tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, espress fl-Artikolu 1 tagħha, li d-direttiva hija bbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tistabbilixxi qafas ta' responsabbilità ambjentali ibbażata fuq il-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas', għall-prevenzjoni u r-rimedju tad-danni ambjentali."

10. Skont l-Artikolu 3(1), din id-direttiva tapplika għal:

"a) danni ambjentali ikkawżati minn attivitajiet tax-xogħol li jinstabu fil-lista ta' l-Anness III, kif ukoll kull periklu iminenti ta' l-imsemmija danni minħabba l-istess attivitajiet;

b) danni lill-ispeċi protetti u lill-ambjenti naturali kkawżati minn attivitajiet tax-xogħol mhux fil-lista ta' l-Anness III, u lil kull periklu iminenti ta' l-imsemmija danni li jseħħ minħabba l-msemmija attivitajiet, kull meta l-operatur għandu tort jew kien negliġenti."

11. L-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva huma elenkati fl-Artikolu 4. Fl-Artikolu 4(5) hemm indikat li:

"Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għal danni ambjentali jew periklu iminenti ta' danni ambjentali kkawżati minn tniġġies ta' natura mifruxa, meta l-katina tal-kawżazzjoni bejn id-danni u l-attivitajiet ta' l-operatur individwali tista' tiġI stabbilita."

12. Inkwantu għall-ispejjeż tal-miżuri ta' rimedju, l-Artikolu 8(1) jipprovdi :

"L-operatur għandu jbati l-ispejjeż għal l-azzjoni ta' prevenzjoni u rimedju li ittieħdu skont din id-Direttiva."

13. Il-kunċett ta' operatur huwa definit kif ġej fl-Artikolu 2(6):

"[…] kull persuna fiżika jew ġuridika, privata jew pubblika li jopera jew jikkontrolla l-attività

tax-xogħol jew, meta dan ikun regolat fil-liġi nazzjonali, il-persuna li għandha poter ekonomiku deċisiv fuq il-funzjonament tekniku ta' l- imsemmija attività liema poter ġie lilha ddelegat, li tinkludi d-detentur ta' permess jew awtorizazzjoni għal l-imsemmija attività jew il-persuna li tireġistra jew tinnotifika l-imsemmija attività"

— danni kkawżati minn emissjoni, każ jew inċident li seħħ qabel id-data msemmija fl-Artikolu 19(1),

— danni kkawżati minn emissjoni, każ jew inċident, [li] seħħ wara d-data msemmija fl-Artikolu 19(1) meta tkun ir-riżultat ta' attività speċifika li seħħet u spiċċat qabel l-imsemmija data,

14. L-Artikolu 16(1), jirregola l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet iktar stretti mill-Istati Membri :

— […]"

"Din id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lil [l]-Istati Membri milli jżżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju tad-danni ambjentali, li jinkludi l-identifikazzjoni ta' attivitajiet oħra li jistgħu jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' prevenzjoni u rimedju ta' din id-Direttiva u l-identifikazzjoni ta' partijiet responsabbli oħra."

16. L-Artikolu 19(1) jiffissa t-terminu li fih għandha tiġi trasposta d-direttiva:

"L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex iħarsu din id-Direttiva sat-30 ta' April 2007."

15. L-applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva hija limitata għall-Artikolu 17:

17. Minbarra dan, fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi, it-talba għal deċiżjoni preliminari imressqa fil-kawża C-378/08 tirreferi

"Din id-Direttiva m' għandhiex tapplika għal:

għad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi][5], għad-Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE[6], tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet][7] u għad-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi[8]. Madankollu mhux meħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dawn id-direttivi jiġu rrimedjati.

III — Il-fatti u d-domandi preliminari

A — *Il-Kawża C-378/08*

18. Fil-Kawża C-378/08, id-digriet tar-rinviju jesponi s-segwenti fatti.

19. Is-sit tar-Rada di Augusta huwa affettwat minn fenomeni ta' tniġġis ambjentali li, preżumibbilment bdew ħafna żmien ilu, apparentament mhux iktar tard mit-Tieni Gwerra Dinjija. B'mod partikolari, qiegħ il-baħar ta' din iż-żona huwa mniġġes ħafna minn sustanzi tossiċi.

20. Matul il-perijodu li fih seħħ l-allegat tniġġis, bosta impriżi fis-settur tal-industrija u taż-żejt kienu joperaw wara xulxin jew fl-istess ħin fir-Rada di Augusta. Skont il-qorti tar-rinviju, dan jista' jkollu l-konsegwenza li jkun impossibbli li tiġi ddeterminata konkretament ir-responsabbilità individwali tad-diversi impriżi għal dak li għandu x'jaqsam mat-tniġġis.

21. Permezz ta' diversi miżuri suċċessivi, l-awtorità pubblika Taljana ordnat lill-impriżi li attwalment joperaw fuq is-sit tar-Rada di Augusta li jwettqu risanament ta' qiegħ il-baħar ikkontaminat. Fin-nuqqas tal-impriżi li jeżegwixxu dan l-ordni, l-awtorità pubblika heddithom li kienet sejra tagħmel ix-xogħlijiet ta' rimedji hija stess bi spejjeż tagħhom.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7 p. 132.

6 — Huwa veru li fid-digriet tar-rinviju, il-qorti nazzjonali tqajjem il-punt dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 93/97/KEE. Madankollu, id-Direttiva 93/97/KEE li tissupplimenta d-Direttiva 91/263/KEE fir-rigward ta' apparat ta' earth station tas-satellita, hija manifestament irrilevanti għall-kawża prinċipali, tant li hemm lok li wieħed jissuponi li dan huwa żball tipografiku u li l-qorti nazzjonali riedet fil-fatt tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 93/37/KEE.

7 — Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol 2, p. 163.

8 — ĠU L 395, p. 33.

22. L-impriżi li ġew ordnati biex iwettqu risanament joperaw fis-setturi li jinvolvu l-użu jew il-preparazzjoni ta' sustanzi tossiċi.

23. Mill-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, jirriżulta li l-awtorità pubblika ordnat lill-impriżi li joperaw fir-Rada di Augusta li jeliminaw it-tniġġis ambjentali eżistenti, mingħajr distinzjoni bejn it-tniġġis preċedenti u t-tniġġis attwali u mingħajr eżami tar-responsabbilità ta' kull waħda minn dawn l-impriżi inkwistjoni għall-ħsara kkaġunata.

24. Dawn id-deċiżjonijiet ġew ikkontestati minn ċerti impriżi kkonċernati. Qabel ma ressqet id-domandi preżenti lill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunale Amministrattivo Regionale della Sicilia kienet diġà annullat bosta deċiżjonijiet ikkontestati, permezz ta' diversi sentenzi, b'mod partikolari minħabba li kienu kuntrarji għall-prinċipju Komunitarju ta' min iniġġes iħallas. Minnaħa l-oħra, il-qorti tal-appell, il-Consiglio di Giustizia Amministrattiva per la Regione Siciliana, ikkunsidrat li kien legali li jiġu imħarrka l-impriżi misjuba fir-Rada di Augusta u konsegwentement, f'waħda mill-kawżi, ordnat is-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza tat-Tribunale Amministrattivo Regionale della Sicilia.

25. Fil-każ li ta lok għall-Kawża C-378/08, bosta impriżi li joperaw fis-sit tar-Rada di Augusta kkontestaw id-deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 li tordnalhom jipproċedu għar-risanament ta' qiegħ il-baħar.

26. Ir-risanament ta' qiegħ il-baħar għandha titwettaq skont pjan elaborat mill-kumpannija Sviluppo Italia Aree Produttive S.p.A (iktar 'il quddiem "Sviluppo Italia"). Skont dan il-pjan, is-sediment ikkontaminat għandu jiġi mnaddaf mill-ħama u, wara li jiġi trattat, jiġi użat biex tinbena gżira artifiċjali fil-baħar. Il-gżira artifiċjali hija intiża li ssir "hub tal-port" għal vapuri li jġorru kontenituri ta' diversi qisien.

27. Sviluppo Italia hija impriża maħluqa mill-Istat li topera fuq is-suq. L-awtorità pubblika Taljana inkarigat lil Sviluppo Italia mill-ippjanar u — fil-każ ta' nuqqas ta' implementazzjoni mill-impriżi — mill-eżekuzzjoni ulterjuri tal-miżuri ta' rimedju kkontestati, mingħajr ma saru ebda proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Skont il-qorti nazzjonali, l-ispejjeż tax-xogħlijiet li ġew mogħtija lil din l-intrapriża huma "għoljin ħafna".

28. Minbarra r-rikors għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata, l-impriżi rikorrenti talbu b'mod provviżorju s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

29. Fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, it-Tribunale Amministrattivo Regionale della Sicilia għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas (Artikolu 174 KE [...]) u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2004/35/KE], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-amministrazzjoni [pubblika] s-setgħa li timponi fuq l-imprendituri privati, minħabba l-fatt biss li bħalissa jeżerċitaw l-attività tagħhom f'żona li ilha ħafna mniġġsa jew li tmiss ma' żona li minn dejjem hija mniġġsa, li jeżegwixxu miżuri ta' riparazzjoni indipendentement mill-iżvolġiment ta' kwalunkwe investigazzjoni sabiex jinstab min hu reponsabbli tat-tniġġis?

2) Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas (Artikolu 174 KE [...]) u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2004/35/KE], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-amministrazzjoni [pubblika] s-setgħa li tattribwixxi r-responsabbiltà għall-kumpens tad-dannu ambjentali f'forma speċifika lil min għandu drittijiet reali u/jew jeżerċita attività ta' negozju fis-sit imniġġes, mingħajr il-ħtieġa li jiġi aċċertat minn qabel li hemm rabta kawżali bejn l-aġir ta' min għamel l-att u l-fatt tat-tniġġis, għar-raġuni biss tar-relazzjoni ta' 'pożizzjoni' li fiha qiegħed (peress li dan huwa operatur li jeżerċita l-attività tiegħu ġewwa s-sit)?

3) Il-leġiżlazzjoni Komunitarja stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 174 KE […] u minn dawk tad-Direttiva [2004/35]

għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, lil hinn mill-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, tagħti lill-amministrazzjoni [pubblika] s-setgħa li tattribwixxi r-responsabbiltà għall-kumpens tad-dannu ambjentali f'forma speċifika lil min għandu drittijiet reali u/jew jeżerċita attività ta' negozju fis-sit imniġġes, mingħajr il-ħtieġa li jiġi aċċertat minn qabel, minbarra li hemm rabta kawżali bejn l-aġir ta' min għamel l-att u l-fatt tat-tniġġis, anki l-eżistenza tar-rekwiżit suġġettiv tad-dolo jew tal-culpa?

B — *Il-Kawżi magħquda C-379/08 u C-380/08*

30. Il-kawżi jirrigwardaw żewġ miżuri ta' rimedju għal danni ambjentali li ġew ordnati permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' April 2008.

4) Il-prinċipji Komunitarji dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni li hemm fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u d-Direttivi [tal-Kunsill] […] [2004/18], [93/37/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 163)] u 89/665/CEE [tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246)], jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-amministrazzjoni pubblika s-setgħa li tagħti lil kumpanniji privati (kumpanniji Sviluppo SpA u [Sviluppo]) attivitajiet ta' deskrizzjoni, ta' ppjanar u ta' implementazzjoni ta' xogħlijiet ta' 'bonifika' ['risanament'] — twettiq ta' xogħlijiet pubbliċi — f'żoni ta' art ta' proprjetà tal-Istat direttament, mingħajr ma jkunu eżawriti l-proċeduri meħtieġa għall-kuntratti pubbliċi?"

31. L-ewwel nett, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-impriżi rikorrenti ġew ordnati jagħmlu diga mal-artijiet tagħhom qrib ir-Rada di Augusta permezz ta' barriera fisika mwaqqfa mal-art. It-tieni nett, l-awtorizzazzjoni li jużaw l-artijiet fiż-żona li għandha tiġi mnaddfa ġiet suġġetta għar-rimedju tad-danni ambjentali u għall-konstruzzjoni tal-barriera inkwistjoni. Dawn il-kundizzjonijiet ġew applikati wkoll għall-uċuħ imnadfa u għall-uċuħ mhux imniġġsa.

32. L-impriżi rikorrenti jsostnu li dawn l-ordnijiet ibiddlu deċiżjonijiet preċedenti u li huma ġew adottati mingħajr konsultazzjoni, motivazzjoni jew studju opportun dwar l-effetti tagħhom.

33. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, it-Tribunale Amministrattivo Regionale della Sicilia għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-Direttiva Komunitarja dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta'April 2004, u, fil-kawża preżenti, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità s-setgħa li timponi, 'għażla minn rimedji varji għal dannu ambjentali' (li, fil-kawża preżenti, jikkostitwixxu 'kostruzzjoni ta' diga fisika' fiż-żona maġemb il-baħar) li huma differenti u addizjonali għal dawk adottati wara deċiżjoni kontradittorja, u li huma diġà approvati, imwettqa, u fil-kors li jiġu implementati?

2) Id-Direttiva Komunitarja dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, u, fil-kawża preżenti, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità s-setgħa li timponi tali rimedji *ex officio* mingħajr ma tkun evalwat il-kundizzjonijiet partikolari tas-sit, l-ispejjeż ta' implementazzjoni tal-miżuri imposti meta mqabbla mal-benefiċċji raġjonevolament previsti, id-danni kollaterali possibbli jew probabbli u l-effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika, kif ukoll it-termini neċessarji għall-implementazzjoni ta' tali miżuri?

3) Fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika li teżisti fis-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo, id-Direttiva Komunitarja dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 u, fil-kawża preżenti, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità s-setgħa li timponi tali rimedji *ex officio*, bħala kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu ta' żoni inklużi fil-perimetru tas-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo li mhumiex direttament affettwati mir-risanament, peress li dawn tal-aħħar diġa ġew

risanati, jew mhumiex, fi kwalunkwe każ imniġġsa?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

34. Polimeri Europa S.p.A., Syndial S.p.A., ENI S.p.A. u ERG Raffinerie Mediterranee S.p.A. (iktar 'il quddiem "ERG"), fil-kwalità tagħhom ta' rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll ir-Repubblika tal-Italja u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ħadu sehem fil-proċedura bil-miktub; Polimeni Europa S.p.A u Syndial S.p.A (iktar 'il quddiem, flimkien, "Polimeri *et*") ressqu nota komuni fil-kawża C-378/08, ENI S.p.A., Polimeri Europa S.p.A u Syndial S.p.A. (iktar 'il quddiem, flimkien, "ENI *et*") ressqu nota komuni fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08. Ir-Renju tal-Pajjiżi Baxxi u r-Repubblika Ellenika ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom fil-Kawża C-378/08.

35. Polimeri *et*, ENI *et*, ERG u Sviluppo Italia, fil-kwalità tagħhom ta' partijiet fil-kawżi prinċipali, kif ukoll l-Italja, il-Greċja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni ħadu sehem fis-seduta komuni għat-tliet kawżi li nżammet fil-15 ta' Settembru 2009.

V — Analiżi legali

A — *Fuq l-ammissibbilità tad-domandi għal deċiżjoni preliminari*

36. Preliminarjament, jiena ser nagħmel riferiment qasir għall-eċċezzjonijiet imqajma mill-Italja kontra l-ammissibbilità tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. Sa fejn jeżistu dubji speċifiċi fir-rigward tal-ammissibbilità ta' ċerti domandi, jiena ser neżaminhom fil-kuntest ta' dawn id-domandi.

1. Dwar l-iskop u l-għan tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari

37. Il-Gvern Taljan isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija essenzjalment intiża li tikkonferma l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-qorti tar-rinviju, liema interpretazzjoni hija differenti minn dik tal-qorti ta' appell u li, għaldaqstant, hija intiża li tilħaq għan li ma huwiex previst fl-Artikolu 234 KE.

38. Huwa minnu li l-proċedura prevista fl-Artikolu 243 KE tista' tirrigwarda biss

l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju jew il-validita ta' atti Komunitarji sussidjarji[9]. Madankollu, id-domandi preżenti jikkonċernaw espliċitament l-interpretazzjoni ta' normi ta' dritt Komunitarju primarju jew sussidjarju. Għalhekk, dan l-argument huwa totalment infondat.

39. Id-diverġenza mill-opinjoni tal-qorti ta' appell lanqas ma timpedixxi t-talba. Fil-fatt, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha l-għan li tneħħi d-dubji rigward l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju[10]. Diverġenzi ta' opinjoni bejn il-qrati dwar kwistjonijiet ta' dritt Komunitarju juru li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija fondata fuq dubji veri.

2. Dwar il-kontenut tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari

40. Barra minn hekk, il-Gvern Taljan jikkunsidra li d-domandi huma ddettaljati iżżejjed u jikkritika wkoll il-preżentazzjoni tal-fatti bħala ineżatta u mhux oġġettiva.

41. Il-kwistjoni dwar jekk id-domandi humiex iddettaljati żżejjed ma tistax tkun rilevanti għall-ammissibbilità tad-domandi preliminari peress li fil-kuntest ta' proċedura ppreżentata bis-saħħa tal-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tapplika r-regoli tad-dritt Komunitarju għal każ definit[11]. Madankollu, fil-kawżi preżenti, id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju għandhom jiġu interpretati biss fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-każ. L-applikazzjoni tad-dritt għall-każ tibqa' l-kompitu tal-qorti nazzjonali.

42. Il-kwistjoni dwar jekk il-qorti tar-rinviju ddeskrivitx il-fatti b'mod korrett ma tistax tiġi ċċarata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari[12]. Huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali li jikkonstataw il-fatti.

43. Għalhekk, l-eċċezzjonijiet imqajma mill-Italja kontra l-ammissibbilità tad-domandi preliminari, ma jistgħux jiġu milqugħa.

9 — Sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, Ġabra p. I-8613, punt 34).

10 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2005, Intermodal Transports (C-495/03, Ġabra p. I-8151, punt 33).

11 — Sentenzi tal-24 ta' Settembru 1987, Coenen (37/86, Ġabra p. 3589, punt 8), u tal-5 ta' Marzu 2009, Kattner Stahlbau (C-350/07, Ġabra p. I-1513, punt 24).

12 — Sentenzi tat-13 ta' Novembru 2003, Neri (C-153/02, Ġabra p. I-13555, punt 34 *et seq*), tad-29 ta' April 2004, Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, Ġabra p. I-5257, punt 42), u tat-12 ta' Jannar 2006, Turn- und Sportunion Waldburg (C-246/04, Ġabra p. I-589, punt 21).

B — *Fuq l-ewwel tliet domandi preliminari fil-Kawża C-378/08*

44. L-ewwel tliet domandi imqajma fil-Kawża C-378/08 huma intiżi li jsolvu l-kwistjoni dwar jekk l-attribuzzjoni tar-responsabbilità għar-rimedju tad-danni ambjentali lil ċerti persuni minħabba l-eżerċizzju tal-attività kummerċjali tagħhom jew minħabba li huma proprjetarji ta' artijiet, indipendentament minn kwalunkwe kontribuzzjoni għall-fatt kawżali jew minn kwalunkwe tort, hijiex konformi mal-prinċipju, imsemmi fl-Artikolu 174 KE u d-Direttiva 2004/35, li min iniġġes iħallas.

45. Ċertament, id-digriet tar-rinviju isemmi l-Artikolu 174 KE, iżda din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix eżami separat. Tali dispożizzjoni tillimita ruħha li tiddefinixxi l-għanijiet ġenerali tal-Komunità fir-rigward tal-ambjent, liema għanijiet għandhom jiġu mlaħħma mil-leġiżlatur Komunitarju qabel ma jistgħu jorbtu lill-Istati Membri[13]. Għaldaqstant, l-Artikolu 174 KE ma huwiex parametru adattat biex tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-responsabbilità.

46. Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi eskluż li d-Direttiva 2004/35 tipprekludi ċerti regoli nazzjonali dwar ir-responsabbilità. Fil-kuntest tal-interpretazzjoni ta' din id-direttiva, l-Artikolu 174 KE u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas li jinsab fih għandhom importanza partikolari peress li jikkonkretizzaw il-prinċipji gwida tal-Komunita fir-rigward tal-politika ambjentali.

47. Is-sistema ta' responsabbilità prevista mid-dritt Taljan u deskritta fid-digriet tar-rinviju, la hija imposta u lanqas hija espliċitament ipprojbita mid-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 16 ma jipprekludix li jinżammu jew jiġu adottati mill-Istati Membri dispożizzjonijiet iktar stretti dwar il-prevenzjoni jew ir-rimedju tad-danni ambjentali, speċjalment inkwantu l-identifikazzjoni ta' partijiet responsabbli oħra.

48. L-Artikolu 16 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jispira ruħu mill-Artikolu 176 KE. Skont dan tal-aħħar, il-miżuri adottati bis-saħħa tal-Artikolu 175 KE, jiġifieri d-dispożizzjonijiet li jaqgħu unikament taħt id-dritt Komunitarju dwar l-ambjent[14], bħalma hija d-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, ma jipprekludux li jinżammu jew jiġu adottati minn kull Stat Membru miżuri ta' protezzjoni iktar iebsa.

13 — Sentenza tal-14 ta' Lulju 1994 Peralta (C-379/92, Ġabra p. I-3453, punt 57 *et seq*).

14 — Inkwantu d-deroga għal miżuri ta' protezzjoni ambjentali li jistgħu wkoll ikunu bbażati, b'mod partikolari fuq l-Artikolu 95 KE, il-subartikoli 4 sa 6 ta' dan l-artikolu jipprevedu regoli speċifiċi.

49. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, miżura nazzjonali ta' protezzjoni iktar iebsa fis-sens tal-Artikolu 176 KE għandha ssegwi l-istess orjentament ta' protezzjoni ambjentali bħad-Direttiva inkwistjoni[15] jew għandha tkun kompattibbli magħha[16]. Il-miżuri li ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet huma kuntrarji għad-Direttiva, jew jirrigwardaw kwistjonijiet li ma humiex irregolati mid-Direttiva.

50. Ikun kuntrarju għall-effett ġuridiku vinkolanti tad-dritt Komunitarju li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw miżuri inkompatibbli mad-Direttiva. Id-Direttiva tipprojbixxi tali miżuri.

51. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 176 KE ma jistax jiġi invokat meta l-miżura tal-Istat tirrigwarda kwistjoni li ma hijiex irregolata mid-Direttiva. Minn perspettiva loġika, il-kunċett ta' miżura ta' protezzjoni iktar iebsa tippreżupponi paragun. Biex ikun hemm "miżura ta' protezzjoni aktar iebsa", hemm bżonn li teżisti fid-dritt Komunitarju miżura li potenzjalment toffri inqas protezzjoni. Fin-nuqqas ta' tali protezzjoni, ma jistax ikun hemm miżura ta' protezzjoni iktar iebsa. Peress li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ta' dritt Komunitarju rilevanti, l-Istat Membru jillimita ruħu li jeżerċita l-kompetenzi tiegħu nnifsu, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet Komunitarji li jirrigwardaw biss id-dritt dwar l-ambjent ma jistgħux jipprekludu l-effett tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern. L-Artikolu 176 KE ma jirregolax il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjonijiet oħra tad-dritt Komunitarju jistgħux jipprekludu miżuri meħuda mill-Istat.

52. Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw mhux biss għall-miżuri ta' protezzjoni iktar iebsa fis-sens tal-Artikolu 176 KE, imma wkoll għall-miżuri iktar stretti fis-sens tal-Artiko lu 16 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali.

1. Fuq l-applikabbilità tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali

53. Għalhekk, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tista' sservi bħala element ta' tqabbil għal miżuri iktar stretti biss sa fejn din tkun applikabbli. Fil-fatt, l-applikabbiltà tagħha, kemm *ratione temporis* kif ukoll *ratione materiae* titpoġġa fid-dubju fil-kawżi prinċipali.

15 — Sentenza tal-14 ta' April 2005, Deponiezweckverband Eiterköpfe (C-6/03, Ġabra p. I-2753, punt 41).

16 — Sentenza Deponiezweckverband Eiterköpfe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 52).

a) Fuq il-portata ta' applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali

54. Bis-saħħa tal-Artikoli 17 u 19(1) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, id-Direttiva ma tapplikax għad-danni kkawżati minn emissjoni, każ jew inċident li seħħ qabel it-30 ta' April 2007. Bl-istess mod, hija ma tapplikax għal danni kawżati minn emissjoni, każ jew inċident li jseħħ wara din id-data meta jkunu r-riżultat ta' attività speċifika li seħħet u ntemmet qabel l-imsemmija data.

55. Il-Gvernijiet tal-Italja u tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll il-Kummissjoni, jesprimu dubji fis-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Huma jitilqu mill-premessa li d-danni ambjentali li għandhom jiġu rrimedjati ġraw qabel it-30 ta' April 2007. Jekk din l-ipoteżi hija eżatta, hemm lok li wieħed jagħtihom raġun.

56. Il-Gvern Olandiż ġustament jirrileva li d-deċiżjoni kkontestata fil-kawża prinċipali hija, b'mod partikolari, ibbażata fuq studju li ġie ppreżentat fix-xahar ta' April 2007, jiġifieri qabel id-data rilevanti. Minbarra dan, mid-deskrizzjoni qasira tad-danni ambjentali fid-digiet tar-rinviju, jirriżulta li s-sit tar-Rada di Augusta huwa affettwat minn fenomeni kkawżati minn tniġġis ambjentali li jidher li seħħ żmien twil ilu[17].

57. Madankollu, jidher li l-attivitajiet li allegatament ikkawżaw id-danni għadhom jiġu eżerċitati. Minn dan jiena nikkonkludi li d-danni ambjentali li għandhom jiġu rrimedjati huma, skont il-konstatazzjonijiet attwali tal-qorti tar-rinviju, danni kumulattivi li l-biċċa l-kbira minnhom ċertament twettqu qabel it-30 ta' April 2007, iżda dan ma jeskludix li wara din id-data sar tniġġis ġdid. Ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċeduri għal deċiżjoni preliminari li tiċċara jekk dan huwiex il-każ[18]. Huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali kompetenti li jiddeċiedu dwar il-fatti.

58. Mid-diċitura tal-ewwel u tat-tieni inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, kif ukoll mill-kuntest li fiħ hija ġiet adottata, jirriżulta li

17 — Fis-seduta, Polimeri *et* saħansitra sostnew li d-danni jirriżultaw minn tniġġis li sar bejn 1958 u 1979.

18 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12.

fil-każ ta' danni kumulattivi, hija tapplika għall-parti tad-danni li ġraw wara jew li hemm riskju li jiġru wara t-30 ta' April 2007.

59. L-ewwel inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jeskludi mill-portata ta' applikazzjoni tad-Direttiva d-danni kkawżati qabel id-data rilevanti (id-danni antiki).

60. Minbarra dan, it-tieni inċiż tal-Artikolu 17 jeskludi d-danni kawżati minn emissjoni, każ jew inċident, li seħħ wara d-data rilevanti meta dawn jkunu r-riżultat ta' attività speċifika li seħħet u spiċċat qabel l-imsemmija data.

61. Il-każijiet tipiċi fejn tapplika din it-tieni regola jidhru li huma speċjalment il-każijiet ta' tniġġis antik li jikkawża danni ġodda, bħal meta sustanzi tossiċi jnixxu minn miżbla u jniġġsu l-ilma li hemm ħdejha. Din il-forma ta' diffużjoni ta' sustanzi tossiċi tista' tkun ikkunsidrata wkoll bħala emissjoni[19]. Fil-liġi Ġermaniża dwar il-garanzija, ġie żviluppat it-terminu kif mitkellem "Weiterfressen" biex jiddeskrivi dan it-tip ta' danni (danni trażmissibbli)[20].

62. L-ewwel u t-tieni inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali huma intiżi li jeskludu kwalunkwe applikazzjoni retroattiva tad-Direttiva. Il-Kummissjoni segwiet dan l-għan fil-ħidmiet preparatorji tad-Direttiva[21]. Il-premessa 30 tad-Direttiva tadotta din l-idea meta tipprovdi li d-dispożizzjonijiet tagħha ma għandhomx japplikaw għal danni kkawżati qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni.

63. Ir-raġuni li minħabba fiha r-retroattività hija eskluża tinsab fil-prinċipju taċ-ċertezza tar-relazzjonijiet legali li, bħala regola ġenerali, tipprekludi li l-portata *ratione*

19 — Ara d-definizzjoni li tinsab fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali: "ir-rilaxx fl-ambjent, bħala riżultat tal-attivitajiet tal-bnedmin, ta' sustanzi, preparazzjonijiet, organiżmi jew mikro-organiżmi".

20 — Ara s-sentenza ta' Bundesgerichtshofs tal-24 ta' Novembru 1976 (VIII ZR 137/75, Neue Juristische Wochenschrift 1977, p.379, 381).

21 — Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbilità ambjentali [KUMM (2000)66 finali tad-9 ta' Frar 2000, p.14 et seq.] u l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-responsabbilità ambjentali bil-għan li d-danni ambjentali jiġu evitati u riparati [traduzzjoni mhux uffiċjali] [KUMM (2002)17 finali, tat-23 ta' Jannar 2002, p. 17 u 24] li espliċitament iwarrbu l-applikazzjoni retroattiva.

temporis ta' att Komunitarju tibda minn data li tiġi qabel il-pubblikazzjoni tiegħu. Eċċezzjonalment, jista' jkun hemm deroga minn tali prinċipju jekk tali deroga hija neċessarja biex jintlaħaq l-għan inkwistjoni u meta l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati jkunu debitament osservati[22]. Madankollu, il-leġiżlatur Komunitarju indika espressament li huwa ma kellux l-intenzjoni li jagħti tali effett retroattiv lid-Direttiva.

65. Moqri fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jiddefinixxi d-danni li ġraw qabel it-30 ta' April 2007 bħala sitwazzjonijiet eżawriti li ma humiex irregolati mid-Direttiva.

66. Dan huwa minnu anki jekk, kuntrarjament għall-opinjoni espressa mill-Gvern Grieg matul il-proċedura bil-miktub, l-attività li tat lok għad-danni ċertament bdiet qabel id-data rilevanti, imma tkompliet wara din id-data. Huwa minnu li dawn il-każijiet ma humiex ikkontemplati mit-tieni inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali li tirrikjedi li l-attività tkun intemmet qabel it-30 ta' April 2007. Madankollu, l-ewwel inċiż jista' jeskludi tali attivitajiet mill-portata ta' applikazzjoni tad-direttiva meta dawn ikunu ġraw qabel id-data rilevanti.

64. Min-naħa l-oħra, regola ġdida tista' tapplika immedjatament għall-effetti sussegwenti ta' sitwazzjoni li bdiet taħt sistema antika[23]. Fil-fatt, il-portata ta' applikazzjoni tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi ma tistax tiġi estiża sal-limitu li timpedixxi, b'mod ġenerali, leġiżlazzjoni ġdida milli tapplika għall-effetti sussegwenti ta' sitwazzjonijiet li bdew preċedentement[24].

67. Bħalma ġustament irrilevat il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali għandha tapplika meta attività kontinwa tikkawża danni ġodda. Dan huwa meħtieġ, b'mod partikolari, biex jiġi applikat l-obbliġu li jirriżulta mill-Artikolu 5 li d-danni ambjentali għandhom jiġu evitati. Minbarra l-prinċipju li min iniġġes iħallas, b'mod konformi mal-Artikolu 174(2) KE, din id-dispożizzjoni tikkonkretizza żewġ prinċipji oħra tad-dritt Komunitarju dwar l-ambjent; l-azzjoni preventiva u l-korrezzjoni tas-sors tal-ħsara għall-ambjent.

22 — Sentenzi tal-25 ta' Jannar 1979, Racke (98/78, Ġabra p. 69, punt 20), tat-22 ta' Novembru 2001, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill (C-110/97, Ġabra p. I-8763, punt 151), u tad-29 ta'April 2004, Sudholz (C-17/01, Ġabra p. I-4243, punt 33).

23 — Sentenza tal-5 ta' Diċembru, SOPAD (143/73, Ġabra p. 1433, punt 8), tal-10 ta' Lulju 1986, Licata vs CES (270/84, Ġabra p. 2305, punt 31), tat-2 ta' Ottubru 1997, Saldanha u MTS (C-122/96, Ġabra p. I-5325, punt 14), tad-29 ta' Jannar 2002, Pokrzeptowicz-Meyer (C-162/00, Ġabra p. I-1049, punt 50), u tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, Ġabra p. I-9465, punt 43).

24 — Sentenzi tas-16 ta' Mejju 1979, Tomadini (84/78, Ġabra p. 1801, punt 21), tal-14 ta' Jannar 1987, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (278/84, Ġabra p. 1, punt 36), tad-29 ta' Ġunju 1999, Butterfly Music (C-60/98, Ġabra p. I-3939, punt 25), u Pokrzeptowicz-Meyer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 55).

68. Il-fatt li attività tkun bdiet qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ma jistax jirriduċi għalkollox l-obbligu ta' azzjoni preventiva. Jekk, pereżempju, impjant ilu għal bosta snin jikkawża danni ambjentali fil-kuntest tal-funzjonament normali tiegħu, jeħtieġ bħala regola, bis-saħħa tad-Direttiva, li wara t-30 ta' April 2007 dawn id-danni jiġu evitati.

69. B'mod partikolari fil-każ preżenti, wieħed ma jistax jeskludi li l-ordni kkontestata fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08, dwar il-kostruzzjoni ta' barriera fisika, tikkontribwixxi wkoll biex jiġu evitati d-danni ambjentali futuri li jirriżultaw mit-tkomplija tal-operat tal-impjanti. Jekk ikun hemm bżonn, huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali kompetenti li jivverifikaw jekk din il-miżura hijiex xierqa biex jintlaħaq l-għan imfittex.

70. Minbarra dan, l-applikazzjoni tal-obbligu ta' prevenzjoni jimplika li għandhom jiġu rimedjati d-danni li jmisshom ġew evitati iżda li, minkejja dan, xorta waħda dehru. Għalhekk, id-danni kkawżati wara d-data rilevanti minn attivitajiet li jitkomplew għandhom jiġu rrimedjati bis-saħħa tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Jekk dawn l-attivitajiet ikunu konformi mad-dritt applikabbli u/jew mal-istat tal-informazzjoni teknika u xjentifika, l-Artikolu 8(4) jippermetti li l-operaturi jiġu eżenti milli jbatu l-ispejjeż.

71. Fil-każ ta' danni kumulattivi, żġur li fil-prattika jista' jkun diffiċli li ssir distinzjoni bejn id-danni l-ġodda u d-danni l-antiki; madankollu, il-problema tal-ġenerazzjoni ta' danni kumulattivi hija magħrufa f'oqsma oħra tal-liġijiet dwar ir-responsabbilità u assolutament ma hijiex insolvibbli. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jikkonferixxi setgħa ta' diskrezzjoni importanti lill-Istati Membri meta jipprovdi lid-Direttiva tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-tqassim tal-ispejjeż meta jkun hemm bosta persuni li jagħtu lok għad-danni. Dan jirrigwarda wkoll il-persuni li jniġġsu li ma jaqgħux taħt id-Direttiva fil-kwalità tagħhom ta' persuni li taw lok għad-danni l-antiki, imma li huma milquta mid-Direttiva minħabba li huma persuni li taw lok għal danni ġodda.

72. Għalhekk għad irid jiġi ddeterminat jekk l-elementi reċenti tad-danni antiki *trażmissibbli* jaqawx taħt id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali meta l-attività li tat lok għat-tniġġis titkompla.

73. Tali interpretazzjoni tista' tkun ibbażata fuq id-diċitura tat-tieni inċiż tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali peress li l-attività li tat lok għat-tniġġis ma kinitx intemmet iżda tkompliet. Il-fatt li hija tkompli tiġi eżerċitata u l-espansjoni tad-danni antiki jindika li din hija sitwazzjoni li għadha ma hijiex eżawrita u li hija suġġetta għal regoli ġodda fil-futur. Dan għandu jiggarantixxi wkoll li, fil-futur, tali danni kontinwi jkunu kkontrollati b'mod konformi mad-Direttiva.

74. Madankollu, dan iwassal biex l-applikazzjoni tad-Direttiva tiġi indirettament estiża għal attivitajiet li ġew eżerċitati qabel id-dħul fis-seħħ tagħha. Dan huwa propju dak li d-dispożizzjonijiet relattivi għall-applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva huma intiżi li jipprevjenu.

b) Fuq l-applikabbilità *ratione materiae* tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali

75. L-obbligu ta' prevenzjoni tad-danni ambjentali ma jwassalx għal riżultat differenti. Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' attività, il-prevenzjoni tad-danni ambjentali għandha natura totalment differenti minn dik tal-prevenzjoni tal-effetti kontinwi tad-danni antiki. Il-miżuri intiżi biex jipprevjenu l-estensjoni tad-danni jistgħu diffiċilment jiġu meqjusa bħala li jaqgħu dejjem taħt il-prevenzjoni jew korrezzjoni tas-sors tal-ħsara għall-ambjent. Ta' sikwit, dawn jikkonsistu f'rimedju ta' danni antiki. Madankollu, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ma tqiegħedx tali obbligi fuq l-operatur. Min-naħa l-oħra, il-prevenzjoni ta' danni ġodda fil-futur li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' attività hija marbuta preċiżament mal-attività. Id-Direttiva għandha l-għan espliċitu li timpedixxi li din l-attività tkompli tikkawża danni fil-futur.

76. Għalhekk,id-Direttivafuqir-responsabbilità ambjentali ma tapplikax għad-danni ambjentali kkawżati minn attivitajiet eżerċitati qabel it-30 ta' April 2007. Għaldaqstant, hija ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrigwarda r-rimedju ta' tali danni.

77. Minbarra dan, il-Kummissjoni tesprimi dubji dwar l-applikabbilità *ratione materiae* tad-Direttiva 2004/35 għall-fatti fil-kawża prinċipali. Dawn id-dubji jirriżultaw mill-fatt li l-qorti nazzjonali kkunsidrat li, minħabba n-numru ta' impriżi li ġew wara xulxin fir-Rada di Augusta, jista' jagħti l-każ li jkun

impossibbli li jiġi ddeterminat liema huma r-responsabbilitajiet individwali.

78. Skont l-Artikolu 4(5), id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tapplika biss għad-danni ambjentali kkawżati minn tniġġis ta' natura mifruxa, meta tkun tista' tiġi stabbilita rabta kawżali bejn id-danni u l-attivitajiet tal-operaturi individwali.

79. Ċertament, din id-dispożizzjoni tifforma parti mill-esklużjonijiet tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Madankollu, fil-verità, din hija iktar preċiżjoni rigward il-portata tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva li jinsabu fl-Artikolu 3(1): bis-saħħa ta' dan tal-aħħar, id-Direttiva tapplika għal danni kkawżati lill-ambjent minn attività professjonali. L-Artikolu 4(5) jipprovdi li hija tirrigwarda wkoll id-danni li jirriżultaw minn tniġġis ta' natura mifruxa. Għalhekk, bħala regola, tali tniġġis ma jipprekludix l-applikazzjoni tad-Direttiva meta r-rabta kawżali meħtieġa tista' tiġi kkonstatata.

80. L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali jistrieħ fuq il-kunċett li jipprovdi li, fil-prattika, jista' jkun partikolarment diffiċli li tiġi murija rabta kawżali konkreta meta t-tniġġis ikollu natura mifruxa. Dan huwa muri mill-eżempji li l-Kummissjoni kellha f'moħħha meta abbozzat dawn id-dispożizzjonijiet: it-tibdil fil-klima li ġej minn emissjonijiet ta' diossidju karboniku u minn emissjonijiet oħra, id-distruzzjoni tal-foresti kkawżata mix-xita aċiduża u t-tniġġis atmosferiku minħabba t-traffiku[25]. Madankollu, dan ma jbiddilx l-applikabbiltà *ratione materiae* tad-Direttiva.

81. Madankollu hemm lok li l-kundizzjoni, li tipprovdi li d-dannu ambjentali inkwistjoni għandu jkun ġie kkawżat minn attività kummerċjali, kundizzjoni li hi meħtieġa skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali biex din tkun applikabbli, tiġi interpretata b'mod restrittiv. Fil-fatt, id-Direttiva tipprovdi wkoll li l-kawża tad-dannu għandha tiġi identifikata. Skont l-Artikolu 11(2), l-obbligu li jkun stabbilit liema operatur ikkawża d-danni jew il-periklu imminenti tad-danni, jaqa' fuq l-awtorità kompetenti. Minbarra dan, l-Artikoli 5(4), 6(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2), jippermettu li jittieħdu ċerti miżuri meta l-persuna li tat lok għad-danni ma tkunx tista' tiġi identifikata. Dawn id-dispożizzjonijiet li ser jiġu kkunsidrati iktar tard[26], ma jkunux jagħmlu sens li kieku d-Direttiva ma kinitx applikabbli meta l-kawża ta' dannu ma tkunx stabbilita.

25 — White Paper (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, p.11).

26 — Ara l-punti 118 *et seq* iktar l-isfel.

82. Għalhekk, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-fatt li d-dannu joriġina minn attività professjonali hija l-kundizzjoni prinċipali għal responsabbiltà għal danni ambjentali fis-sens tad-Direttiva. Min-naħa l-oħra, dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jistgħu jkunu applikabbli anki jekk ma jkunx (għadu) ġie stabbilit li d-danni ambjentali inkwistjoni ġew ikkawżati minn tali attività.

c) Fuq ir-responsabbiltà bis-saħħa tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali

83. Sa fejn id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali hija applikabbli għall-każ preżenti, mid-dispożizzjonijiet tagħha fuq ir-responsabbilità għar-rimedju tad-danni ambjentali moqrija fid-dawl tal-prinċipju li min iniġġes iħallas, jistgħu jirriżultaw effetti li jillimitaw l-applikazzjoni tad-dritt intern.

84. Skont l-Artikolu 174(2) KE, il-prinċipju li min iniġġes iħallas huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1 u l-premessa 2 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jipprovdu li l-prevenzjoni u r-rimedju tad-danni ambjentali għandhom ikunu implementati b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju. Il-prinċipju li min iniġġes iħallas huwa, għaldaqstant, il-prinċipju gwida tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali.

85. It-terminu Ġermaniż "Verursacher-prinzip" (prinċipju ta' min iniġġes iħallas) huwa intiż li jipprovdi li min ikun ipproduċa t-tniġġis għandu jkun responsabbli għall-eliminazzjoni tiegħu. Verżjonijiet lingwistiċi oħra, li jipprovdu espliċitament li min iniġġes iħallas ("polluter-pays principle"), jenfasizzaw li din hija regola li tirrigwarda l-imputazzjoni tal-ispejjeż[27]. Ma hijiex is-soċjetà jew terzi li għandhom ibatu l-ispejjeż tal-eliminazzjoni tat-tniġġis iżda l-persuna li tat lok għat-tniġġis. Dan iwassal għall-internalizzazzjoni tal-ispejjeż ambjentali, jiġifieri li l-ispejjeż ambjentali huma inklużi fl-ispejjeż ta' produzzjoni tal-intrapriża li tniġġes[28].

86. Dan joffri inċentiva lil min potenzjalment iniġġes li jevita kwalunkwe tniġġis[29]. Għalhekk, minbarra l-għan li jqassam

27 — F'dan ir-rigward, ara l-punt 120 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Commune de Mesquer (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2008, C-188/07, Ġabra p. I-4501).

28 — Ara l-punt 66 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fis-sentenza tal-20 ta' Novembru 2003, GEMO (C-126/01, Ġabra p. I-13769).

29 — Ara l-paragrafu 1 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 75/436/Euratom, KEFA, KEE tat-3 ta' Marzu 1975, dwar l-attribuzzjoni tal-ispejjeż u l-intervent tas-setgħat pubbliċi fil-qasam tal-ambjent, ĠU L 194, p. 94.

l-ispejjeż b'mod ekwu, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għandu wkoll funzjoni ta' inċentiva u huwa konformi mal-prinċipju ta' azzjoni preventiva[30].

87. Id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tikkonkretizza b'mod partikolari l-prinċipju li min iniġġes iħallas billi, b'mod konformi mal-Artikolu 6, tqiegħed ir-rimedju a spejjeż tal-operatur responsabbli u billi, fl-Artikolu 8(1), tipprevedi li l-operatur għandu jbati l-ispejjeż tal-azzjoni ta' prevenzjoni u tar-rimedju meħuda skont id-Direttiva. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(6), l-operatur huwa dak li jassumi r-responsabbiltà tal-azzjoni li tat lok għad-danni. Bħala regola, huwa dan li hu l-iktar adatt biex jipprevjeni d-danni ambjentali li jirriżultaw mill-attività tiegħu.

88. Fil-prattika, jista' jkun li regoli addizzjonali jkunu meħtieġa għal dak li jirrigwarda d-danni kkawżati lill-artijiet li jappartjenu lil ħaddieħor. Id-Direttiva tikkonċerna l-proprjetarji ta' tali artijiet biss permezz tal-konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 7(4). Madankollu, minn dan mhux possibbli li jiġi konkluż li persuna li għandha l-obbligu tar-rimedju tal-ħsara tista' awtomatikament tieħu tali miżuri fuq il-proprjetà ta' ħaddieħor.

89. Għalhekk, mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jirriżulta li din id-direttiva ma tipprevedix responsabbilità għad-danni ambjentali kollha. Minbarra dan, fir-rigward ta' din ir-responsabbilità, hija tiddistingwi bejn diversi tipi ta' danni.

90. Min-naħa, hija tirrigwarda d-danni kkawżati lill-ambjent minn attivitajiet ta' xogħol li jinsabu fil-lista tal-Anness III [Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali]. L-Anness III isemmi diversi attivitajiet li huma assoċjati ma' riskji partikolari għall-ambjent bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt Komunitarju dwar l-ambjent. Pereżempju, fil-każ preżenti, jistgħu jkunu applikabbli l-punt 1 jew il-punt 7 ta' dan l-anness dwar l-operazzjoni ta' installazzjonijiet li għandhom bżonn permess skont id-Direttiva 96/61/KE[31], jew il-manifattura, l-użu, il-ħażna, l-ipproċessar,

30 — Ara l-iżviluppi relatati mal-funzjonijiet tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas li jinsabu fil-punti 30 *et seq* tal-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Futura Immobiliare et (C-254/08, Ġabra p. I-6995)

31 — Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, tal-24 ta' Settembru 1996, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 80), ikkodifikata permezz tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 24, p. 8).

il-mili, ir-rilaxx fl-ambjent u t-trasport fis-sit ta' ċerti sustanzi perikoluż.

91. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2004/35 jipprevedi responsabbilità għal ħtija jew negliġenza fil-kuntest ta' attivitajiet oħra fil-każ ta' danni lill-ispeċi u lill-habitats naturali protetti mill-Artikolu 6(3) u 6(4) jew mill-Artikolu 16 tad-Direttiva "habitats"[32] jew mill-Artikolu 9 tad-Direttiva "għasafar"[33]. Madankollu, ma ġiet prodotta l-ebda prova jew pretenzjoni fir-rigward ta' tali danni.

92. Peress li r-responsabbilità fil-każ ta' danni kkawżati lill-ispeċi u lill-habitats naturali protetti hija espliċitament marbuta ma' aġir li jinvolvi ħtija, ir-responsabbiltà fil-każ ta' danni li jirriżultaw minn attivitajiet ikkontemplati fl-Anness III tista', *a contrario*, bħala regola tinħoloq indipendentement minn kwalunkwe aġir li jinvolvi ħtija. Dan hu kkonfermat mill-għażla, miftuħa għall-Istati Membri fl-Artikolu 8(4), li jipprevedu eżenzjoni mill-ispejjez ta' miżuri ta' rimedju meta l-operatur ma kellux ħtija *u* meta l-attivita li tat lok għad-dannu kienet awtorizzata jew kienet ġiet eżegwita konformi mal-istat tat-teknoloġija. Is-sistema ta' responsabbiltà iktar severa mir-responsabbilità mingħajr ħtija hija marbuta mar-riskji speċifiċi għall-ambjent li huma aċċettati fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-attivitajiet inkwistjoni, li huma, min-natura tagħhom stess, attivitajiet riskjuż.

93. Fiż-żewġ każijiet, ir-responsabbiltà skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/35 tissuponi, fi kwalunkwe każ, li d-danni kienu kkawżati mill-attivitajiet ikkontemplati. Skont l-Artikolu 11(2), l-obbligu li jiġi stabbilit liema operatur ikkawża d-danni jaqa' fuq l-awtorità nazzjonali kompetenti. Indipendentement minn tali konstatazzjoni, l-operatur huwa marbut, bis-saħħa tal-Artikoli 5 sa 7, li jieħu azzjonijiet ta' prevenzjoni, li, jekk ikun il-każ, li jirrimedja l-ħsara u li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti. Din ir-responsabbilità hija limitata mill-Artikolu 8(3) meta l-operatur jipprova li d-danni huma kkawżati minn terzi jew jirriżultaw mill-osservanza ta' ordnijiet tal-awtoritajiet pubbliċi.

94. Għalhekk, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali hija intiża li tikkonkretizza, taħt ċerta forma, il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Fondamentalment, l-operaturi għandhom ibatu l-ispejjeż tad-danni ambjentali li jikkawżaw. Din l-imputazzjoni tal-ispejjeż toħloq inċentiva għall-operaturi biex id-danni ambjentali jiġu evitati. Hija

32 — Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

33 — Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98).

ġġustifikata peress li l-operaturi jeżerċitaw, b'mod partikolari fil-każ ta' responsabbilità mingħajr ħtija, attività riskjuża u ġeneralment jibbenefikaw ukoll mill-qligħ ekonomiku ta' dik l-attività.

95. Min-naħa l-oħra, sakemm l-awturi tad-danni ma humiex magħrufa, id-Direttiva ma tipprovdix għall-obbligu ta' rimedju. Peress li dan huwa l-każ, skont id-digriet tar-rinviju, fil-kawżi prinċipali, hemm lok jiġi preżunt li l-ordnijiet ta' rimedju kkontestati ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala applikazzjoni tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali.

d) Dwar ir-responsabbilità mingħajr rabta kawżali mad-danni

96. Permezz tat-tieni domanda magħmula fil-Kawża C-378/08, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk huwiex legali li r-responsabbiltà għar-rimedju tad-danni ambjentali titqiegħed fuq suġġett li għandu drittijiet reali u/jew jeżerċita attività kummerċjali fuq is-sit kontaminat. Il-qorti tirrileva li din hija domanda dwar jekk ir-responsabbilità tistax tirriżulta biss mir-relazzjoni ta' "preżenza" li fiha jinsab is-suġġett innifsu (dan huwa operatur li jeżerċità l-attività tiegħu fuq is-sit). F'dan il-każ, ma huwiex meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tas-suġġett u l-kwistjoni tat-tniġġis.

97. Il-Kummissjoni tikkunsidra li tali responsabbilità hija legali taħt il-miżuri iktar stretti awtorizzati mill-Artikolu 176 KE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali.

98. Madankollu, jiena ma nistax naqbel ma' tali opinjoni mingħajr riżerva: responsabbilità mingħajr ebda kontribuzzjoni għad-danni hija ddistakkata mil-linji gwida tad-Direttiva 2004/35 u ma hijiex konformi ma din tal-aħħar jekk tnaqqas ir-responsabbilità ta' dak li, skont id-Direttiva, huwa responsabbli mit-tniġġis. Fil-fatt, id-Direttiva toħloq inċentiva għall-prevenzjoni tad-danni ambjentali preċiżament għall-operatur responsabbli u tipprevedi li dan għandu jbati l-ispejjeż tar-rimedju tad-danni li xorta waħda saru.

99. Il-kundizzjonijiet li fihom l-operatur li jniġġes ma huwiex marbut li jbati l-ispejjeż

huma, b'mod partikolari, irregolati mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/35. Eżenzjonijiet iktar wiesgħa mill-ispejjeż jiżnaturaw kwalunkwe probabbiltà ta' implementazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas permezz tad-Direttiva. Huma jnaqqsu l-effett ta' inċentiva tar-responsabbilità prevista u jbiddlu t-tqassim tal-ispejjeż ikkunsidrat ekwu mil-leġiżlatur Kommunitarju.

100. Ċertament, l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali juri li l-operatur li jniġġes jista' ma jkunx l-unika persuna responsabbli. Din id-dispożizzjoni tawtorizza espressament lill-Istati Membri li jidentifikaw il-partijiet responsabbli l-oħra.

101. Minbarra dan, il-legalità ta' regoli addizzjonali ta' responsabbilità tidher mill-Artikoli 5(4), 6(3) u t-tieni inċiż tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, jekk l-operatur li jniġġes ma jistax jiġi identifikat, l-awtorità kompetenti tista' tieħu hija stess il-miżuri ta' rimedju jew ta' prevenzjoni u, jekk ikun meħtieġ, tbati hi stess l-ispejjeż tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet, li ma kinux jinsabu fil-proposta tal-Kummissjoni, ġew miżjuda mill-Kunsill wara talba minn diversi Stati Membri [34].

102. Jekk wieħed ma jridx ineħħi r-responsabbilità primarja tal-operatur responsabbli mis-sustanza tagħha, l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/35 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw partijiet responsabbli oħra [35] li jissostitwixxu ruħhom għalih. Hemm lok ukoll li tiġi mwarrba l-possibbilità li jiġu identifikati persuni responsabbli oħra [36] li huma marbuta bl-istess mod bħalu u li jnaqqsulu r-responsabbilità tiegħu.

103. Minbarra dan, ikun problematiku li tiddaħħal mill-ewwel u mingħajr raġuni r-responsabbilità ta' parti oħra li wara jkollha ddur kontra l-operatur responsabbli. Ċertament, l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali jidher li jagħmel

34 — Ara l-Artikoli 4(4), 5(3) u 6a (4) tal-proposta tas-16 ta' April 2002, dokument tal-Kunsill Nru. 7771/02, u l-Artikolu 8(4) tal-proposta tas-7 ta' Mejju 2002, dokument tal-Kunsill Nru. 8647/02.

35 — Skont id-dispożizzjonijiet tal-verżjoni Franċiża, Taljana, Spanjola, Portugiża u Rumena, tad-Direttiva 2004/35.

36 — B'mod partikolari, skont id-dispożizzjonijiet tal-verżjoni Ġermaniża u Ingliża.

riferiment għal din il-possibbilità meta jobbliga lill-Istati Membri li jippermettu lill-operatur li jirkupra l-ispejjeż tal-eliminazzjoni tat-tniġġis meta jipprova li d-danni ġew ikkawżati minn terzi jew b'riżultat ta' ordnijiet mill-awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, dan jista' jkun spjegat mill-fatt li l-operatur hu ġeneralment l-iktar persuna xierqa biex tipproċedi għar-rimedju minħabba li għandu l-kontroll tas-sors tal-oriġini tad-danni u, fi kwalunkwe każ, tal-artijiet li ġew ikkontaminati l-ewwel. Min-naħa l-oħra, fil-parti l-kbira tal-każijiet, operaturi oħra jistgħu jiġu mġiegħla biss ibatu l-ispejjeż.

104. Ir-responsabbilità ta' partijiet oħra għandha tkun iktar ta' natura addizzjonali. Hija għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-ebda operatur li jniġġes ma jistax jiġi mħarrek.

105. F'dawn il-limiti, l-Istati Membri jistgħu jimplementaw il-prinċipju ta' min iniġġes għandu jħallas b'mod differenti minn kif ġie magħmul fid-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali [ara s-subparagrafu (i)], kif ukoll jiżviluppaw regoli ta' responsabbilità li japplikaw indipendentemenet minn kwalunkwe kontribuzzjoni għad-dannu [ara s-subparagrafu (ii)].

i) Sistemi ta' responsabbilità addizzjonali bbażati fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas

106. Huwa loġiku li l-ewwel soluzzjoni għandha tkun li jiġu identifikati persuni responsabbli b'mod addizzjonali proprju billi jiġi osservat ukoll il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Fir-rigward tal-kumplessità possibbli tal-kawżi tad-danni ambjentali, kemm l-Istati Membri, kif ukoll il-Komunità għandhom setgħa ta' għażla kbira f'dan ir-rigward[37]. Id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ma teżawrixxix il-portata tad-dritt Komunitarju. Hija tirrigwarda biss l-operatur responsabbli għat-tniġġis, iżda tħalli lill-Istati Membri l-possibbilità li jestendu r-responsabbilità fir-rigward ta' persuni oħra responsabbli għat-tniġġis. L-Artikolu 16(1) isemmi l-estensjoni għal ċerti attivitajiet oħra bħala eżempju.

107. Minbarra dan, fil-każ preżenti, wieħed jista' jikkunsidra li l-persuna responsabbli għat-tniġġis hija l-proprjetarju jew il-persuna li tuża l-art li l-istat tagħha tikkawża danni ambjentali — pereżempju taħt il-forma ta' danni trażmissibbli — irrispettivament minn kwalunkwe attività professjonali. Fil-fatt, il-kawża tad-dannu tinsab ġewwa żona li qiegħdha taħt il-kontroll tagħha u l-kollaborazzjoni tagħha hija meħtieġa biex tiġi rrimedjata l-ħsara. Għalhekk, ma huwiex

37 — Ara l-punti 52 *et seq*, b'mod partikolari l-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Futura Immobiliare et (sentenza ċċitata iktar 'il fuq, nota ta' qiegħ il-paġna 30).

kuntrarju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas li, għal dan id-dannu, ikun imħarrek il-propjetarju jew l-utent tal-art.

108. Lanqas mhuwa kuntrarju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas li l-aventi kawża tal-awtur tad-dannu jkun ikkunsidrat ukoll bħala l-persuna responsabbli għat-tniġġis fil-każ li l-persuna inizjali responsabbli għat-tniġġis ma tistax tiġi mħarrka iktar.

110. Huwa ċar li matul il-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni kienet għadha tissuponi li kien kompatibbli mal-prinċipju li min iniġġes iħallas li persuna li kienet possibbilment responsabbli għat-tniġġis ikollha l-oneru tal-prova li turi li ma kinitx tat lok għad-dannu[38]. Finalment, hija pproponiet li tnaqqas l-oneru tal-prova għallinqas fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk id-danni jaqgħux taħt il-kamp ta' applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva[39]. Anki jekk din id-dispożizzjoni ma ġietx inkorporata fil-verżjoni finali tad-Direttiva, regoli nazzjonali li jipprovdu preżunzjonijiet *iuris tantum* fir-rigward tal-kontribuzzjoni għad-danni jistgħu jiġu adottati f'dan ir-rigward — mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35 dwar id-determinazzjoni tal-kawżi tad-dannu li għadni rrid nanalizza[40].

109. Minbarra dan, ir-responsabbilità finanzjarja hija, bħala regola, konformi mal-prinċipju li min iniġġes iħallas meta tista' tiġi ddeterminata biss kontribuzzjoni għad-dannu iżda mhux l-ammont ta' tali kontribuzzjoni. Fil-fatt, huwa ħafna drabi diffiċli jew impossibbli fil-prattika li jiġi identifikat l-ammont eżatt tal-kontribuzzjoni ta' persuni differenti għal ċerti danni ambjentali. Li kieku kellhom ikunu eżenti kollha mir-responsabbilità tagħhom, il-prinċipju li min iniġġes iħallas jidgħajjef. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jpoġġu l-ispejjeż akarigu tal-persuni kollha identifikati li huma responsabbli għat-tniġġis. Għalhekk, il-liġi nazzjonali jkollha tadotta r-regoli meħtieġa dwar it-tqassim tal-ispejjeż bejn id-diversi persuni responsabbli għat-tniġġis u tista' tispira ruħha minn dispożizzjonijiet analogi f'setturi oħra tad-dritt dwar ir-responsabblità. Din il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri hija konformi mal-ispirtu tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali.

ii) Sistemi ta' responsabbiltà addizzjonali irrispettivament minn kontribuzzjoni kawżali

111. Min-naħa l-oħra, responsabbiltà li ma hijiex suġġetta għal rabta kawżali bejn l-attività tal-persuna responsabbli u d-dannu hija, fil-fehma ta' Polimeri *et*, kuntrarja għall-prinċipju, misjub fid-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, li min iniġġes iħallas. Hemm lok li wieħed jaqbel ma' din l-opinjoni sa fejn il-funzjoni ta' tqassim ekwu tal-ispejjeż li tirriżulta minn dan il-prinċipju

38 — White Paper (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, p.19).

39 — Artikolu 19(2) tal-proposta (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, p 46).

40 — Ara l-punti 118 *et seq*, iktar 'l-isfel.

tidgħajjef jekk l-ispejjeż tat-tniġġis ikunu dovuti minn xi ħadd li ma kkawżax id-dannu[41].

112. Madankollu, mill-prinċipju li min iniġġes iħallas, wieħed ma jistax jiddeduċi l-projbizzjoni assoluta li l-ispejjeż tar-rimedju tad-danni ambjentali jkunu dovuti minn persuni li ma humiex dawk li taw lok għat-tniġġis. Li kieku tiġi aċċettata, tali projbizzjoni twassal għall-aċċettazzjoni tad-danni ambjentali meta l-persuna li tat lok għat-tniġġis ma tistax tiġi mħarrka. Fil-fatt, anki fil-każ ta' rimedju bi spejjeż tal-kollettività, l-ispejjeż għandhom ikunu sostnuti minn xi ħadd li ma huwiex responsabbli għad-dannu. Madankollu, l-aċċettazzjoni tad-danni ambjentali ma tkunx kompatibbli mal-għan ta' promozzjoni ta' livell għoli ta' ħarsien u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent. Il-prinċipju li min iniġġes iħallas iservi biex jintlaħaq dan il-għan — li huwa imsemmi mhux biss fl-Artikolu 174(2) KE, iżda wkoll fis-subartikolu (1) ta' din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, fl-Artikolu 2 KE. Il-prinċipju li min iniġġes iħallas ma jistax jiġi interpretat f'tali sens li huwa inkonsistenti mal-ħarsien ambjentali, billi, pereżempju, iwaqqaf ir-rimedju tad-danni ambjentali meta l-persuna responsabbli ma tistax tiġi mħarrka.

113. Għaldaqstant, id-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali taċċetta wkoll li l-ispejjeż tal-eliminazzjoni tat-tniġġis ikunu sostnuti minn persuni li ma humiex l-operatur responsabbli. Fil-fatt, hija tippermetti lill-Istat Membru li jieħdu miżuri bi spejjeż tiegħu meta l-persuna li tat lok għat-tniġġis ma tistax tiġi identifikata jew meta ma jkollhix il-mezzi suffiċjenti[42].

114. Minbarra dan, jekk persuna li tat lok għat-tniġġis ma tistax tiġi identifikata, it-tqassim ekwu tal-ispejjeż jiġġustifika li l-ispejjeż tal-eliminazzjoni tat-tniġġis ikunu mġarrba mill-proprjetarju tal-artijiet li jkunu ġew imnaddfa sa fejn din iżżid il-valur ta' dawn l-artijiet. Fil-każ kuntrarju, dan jibbenefika minn arrikkament indebitu bi spejjeż ta' ħaddieħor.

115. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija fid-digriet tar-rinviju, ma hemmx bżonn li jiġi ddeterminat fil-każ preżenti jekk huwiex possibbli li jkunu kkunsidrati sistemi addizzjonali ta' responsabbilità irrispettivament minn kontribuzzjoni kawżali, li għandhom jiġu kkontestati taħt id-dritt Komunitarju. Xi limitu jista' jinstab fil-prinċipju ta' proporzjonalità li jipprekludi riżultati li huma manifestament

41 — Ara l-punti 141 *et seq.* tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Commune de Mesquer (sentenza ċċitata iktar 'il fuq, nota ta' qiegħ il-paġna 27) u l-punt 32 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Futura Immobiliare *et* (sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30).

42 — Ara l-punt 100 iktar 'il fuq.

sproporzjonati[43]. Madankollu huwa dubjuż jekk dan il-prinċipju ta' dritt Komunitarju jistax jiġi applikat għall-miżuri ta' protezzjoni iktar iebsa fis-sens tal-Artikolu 176 KE[44]. Jekk ir-regola prinċipali tar-responsabbiltà tal-operatur tiġi osservata, wieħed ma jistax jikkonkludi li, fil-każ preżenti, jeżistu sistemi ta' responsabbilità manifestament sproporzjonati.

ir-responsabbiltà ambjentali tipprekludi responsabbiltà għal danni ambjentali irrispettivament minn kwalunkwe kontribuzzjoni għall-fatt kawżali biss jekk tali responsabbilità tnaqqas ir-responsabbilità prinċipali tal-operatur responsabbli.

e) Ebda investigazzjoni tal-kawżi

iii) Risposta għat-tieni domanda magħmula fil-kawża C-378/08

116. Biex nerġa' lura għall-frażi ta' Archimede ċċitata fl-introduzzjoni, ir-responsabbilità għal danni ambjentali ma teħtieġx neċessarjament punt ta' sostenn li tieħu l-forma ta' kawżalità, hekk kif previst mid-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa biex joħolqu sistemi ta' responsabbilità addizzjonali.

118. L-ewwel domanda magħmula fil-Kawża C-378/08 hija intiża biex tiċċara jekk miżuri ta' rimedju jistgħux jiġu imposti fuq impriżi li joperaw attwalment f'żona li ilha imniġġza għal żmien twil jew f'żona li tinsab maġenbha mingħajr ma ssir ebda investigazzjoni li tistabbilixxi min hu responsabbli għat-tniġġis inkwistjoni.

117. F'dan is-sens, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li d-Direttiva fuq

119. Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, l-obbligu li jiġi stabbilit liema operatur ikkawża d-danni jew periklu imminenti ta' danni jaqa' fuq l-awtorità kompetenti. Dan l-obbligu għandu importanza fundamentali għall-applikazzjoni tal-prinċipju, iffformalizzat fid-Direttiva, li l-persuna li tat lok għat-tniġġis thallas

43 — Ara s-sentenza Futura Immobiliare et (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30, punt 56) u l-punt 32 tal-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża.

44 — Ara s-sentenza Deponiezweckverband Eiterköpfe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 63).

għalih. Jekk persuni potenzjali li jikkawżaw tniġġis ma jkollhomx biża' li jinqabdu, huma ma jkollhom ebda inċentiv sabiex jevitaw id-danni. Minbarra dan, tqassim ekwu tal-ispejjeż ma huwiex possibbli jekk il-persuna li tat lok għat-tniġġis tibqa' mhux magħrufa.

120. Barra minn dan, il-proċedura għal rimedju fir-rigward ta' danni ambjentali possibbli prevista fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/35 ("talba għal azzjoni") tispiċċa mingħajr sinjifikat sostanzjali li kieku l-awtoritajiet kompetenti ma kinux marbuta jagħmlu investigazzjoni dwar id-danni ambjentali. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li ERG, ENI *et* u Polimeri *et* irrilevaw li fi proċeduri oħra impriża oħra kienet ġiet identifikata bħala li kkawżat it-tniġġis.

121. Madankollu, id-digriet tar-rinviju juri li l-identifikazzjoni ta' min ikkawża t-tniġġis tista' tinvolvi problemi sostanzjali. Minbarra dan, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tirrikonoxxi espliċitament li huwa possibbli li l-operatur responsabbli ma jkunx jista' jiġi identifikat. Skont l-Artikolu 4(5), hija ma hijiex applikabbli għal tniġġis ta' natura mifruxa meta r-rabta kawżali bejn id-danni u l-attivitajiet tad-diversi operaturi ma tkunx tista' tiġi stabbilita. Fil-każijiet oħra ta' tniġġis, l-Artikoli 5(4), 6(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) jippermettu lill-awtorità kompetenti li, jekk ma jkunx hemm għażla oħra, tieħu hija stess, jiġifieri bi spejjeż tagħha, il-miżuri ta' rimedju jew ta' prevenzjoni jekk l-operatur ma jkunx jista' jiġi identifikat.

122. Minn dan jirriżulta li d-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali tippermetti li ma ssirx investigazzjoni tal-kawżi ta' dannu jekk investigazzjonijiet ulterjuri jkunu inutli.

123. Huwa wkoll possibbli li jittieħdu miżuri urġenti qabel it-tmiem tal-investigazzjoni jew saħansitra qabel il-bidu tagħha. Huwa kompitu tal-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu kif għandhom jitmexxew il-proċeduri fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha ta' kull każ.

124. Peress li dawn id-deċiżjonijiet jirrikjedu stimi ta' previżjoni kumplessi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjonali kbira. Madankollu, huma għandhom jibbażaw ruħhom fuq l-aqwa informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli,

kif rikjest b'mod ġenerali mill-Artikoli 174(3) KE fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew dwar l-ambjent[45].

125. Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tippermetti

— li ma ssirx investigazzjoni tal-kawżi ta' dannu jekk investigazzjonijiet ulterjuri jkunu inutli u

— li jittieħdu miżuri urġenti qabel it-tmiem tal-investigazzjoni.

f) Fuq ir-responsabbilità mingħajr ħtija

126. Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf sostanzjalment jekk id-Direttiva 2004/35 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi responsabbilità mingħajr ħtija fil-kuntest ta' danni ambjentali.

127. Id-Direttiva 2004/35 stess tirrikonoxxi żewġ tipi ta' responsabbilità għal danni ambjentali: responsabbilità oġġettiva, mingħajr ħtija, tapplika b'mod konformi mal-Artikolu 3(1)(a) għal ċerti attivitajiet marbuta ma' riskji partikolari. B'mod parallel, l-attivitajiet professjonali kollha huma suġġetti għal responsabbiltà meta jkun hemm ħtija skont l-Artikolu 3(1)(b) rigward ċerti danni kkawżati lill-ispeċi u lill-habitats naturali protetti.

128. Responsabbilità mingħajr ħtija tal-persuna li tniġġes li tmur lil hinn mill-attivitajiet ikkontemplati fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2004/35 issegwi l-istess politika ta' protezzjoni ambjentali tad-Direttiva u hija kompatibbli magħha. Fil-fatt, sa fejn id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tirrikjedi ħtija, hija tillimita l-prinċipju li l-persuna li tat lok għat-tniġġis għandha tħallas għalih. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jneħħu din ir-restrizzjoni fil-kuntest ta' miżuri ta' protezzjoni iktar iebsa. Fil-fatt, responsabbiltà mingħajr ħtija għandha essenzjalment il-konsegwenza

45 — Ara s-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Spanja, (C-235/04, Ġabra p. I-5415, punt 25, dwar żoni ta' protezzjoni speċjali għall-għasafar); tad-9 ta' Diċembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-79/03, Ġabra p. I-11619, punt 41, dwar l-ammont ta' kaċċa), u tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-405/07 P, Ġabra p. I-8301, punt 61, dwar miżuri meħuda mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 95(5) u 95(6) KE.)

prattika li timponi fuq il-partijiet ikkonċernati obbligi iktar stretti ta' diliġenza fil-konfront tal-ambjent. Dan japplika mhux biss għas-sistemi ta' responsabbiltà previsti fid-Direttiva 2004/35, iżda wkoll għas-sistemi addizzjonali possibbili fl-Istati Membri.

129. Minn dan jirriżulta li, rigward it-tielet domanda magħmula fil-Kawża C-378/08, id-Direttiva 2004/35 ma tipprekludix sistemi ta' responsabbiltà mingħajr ħtija għal danni ambjentali.

2. Dwar ir-rilevanza tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fil-kuntest tad-Direttiva-kwadru dwar l-iskart.

130. Irrispettivament mid-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali, id-domandi dwar il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas huma importanti wkoll għall-kawżi prinċipali għaliex huwa possibbli lid-Direttiva Kwadru dwar l-iskart[46] tkun applikabbli fil-konfront tagħhom.

131. Huwa minnu li d-Direttiva Kwadru dwar l-iskart hija applikabbli biss wara l-1977[47] u għalhekk huwa ċar li hija lanqas ma tkopri t-tniġġis kollu li wassal għad-danni ambjentali inkwistjoni. Madankollu, huwa possibbli li matul it-30 sena li ġew qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ġew ikkawżati ħafna iktar danni ambjentali milli matul is-sentejn li fihom din id-Direttiva kienet applikabbli. Il-kwistjoni li tirrigwarda sa liema punt id-Direttiva Kwadru dwar l-iskart baqgħet tapplika wara li daħlet fis-seħħ id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali u liema huma l-effetti futuri tal-formulazzjoni ġdida tagħha[48] ma ġietx imqajma fil-każ preżenti u ma hemmx bżonn li tiġi ttrattata.

46 — Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p.9). Din id-Direttiva tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 23) u l-emendi sussegwenti tagħha.

47 — Fir-redzzjoni li rriżultat mid-Direttiva 75/442, li kellha diġà, fl-Artikolu 11, dispożizzjoni dwar ir-responsabbilità għall-ispejjeż b'mod konformi mal-prinċipju li min iniġġes iħallas.

48 — Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 313, p. 3). Skont l-Artikolu 2(1)(b), l-art (*in situ*) inkluża ħamrija kontaminata mhux skavata u bini konness mal-art b'mod permanenti, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-iskart fl-abbozzar ġdid tagħha. Bis-saħħa tal-Artikolu 41, id-Direttiva Kwadru preċedenti hija mħassra b'effett mit-12 ta' Diċembru 2010.

132. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li idrokarburi, imxerrda aċċidentalment fl-art, fl-ilma ta' taħt l-art, jew fil-baħar, li ma jistgħux jiġu użati iktar konformament mad-destinazzjoni tagħhom, għandhom jkunu kkunsidrati bħala skart[49]. L-istess kwalifika ta' "skart" tapplika għall-art ikkontaminata b'riżultat ta' tixrid aċċidentali ta' idrokarburi[50]. L-istess kunsiderazzjonijiet għandhom japplikaw għall-materjali oħra li jniġġsu.

133. B'mod konformi mal-Artikolu 4 tad-Direttiva Kwadru dwar l-iskart, l-iskart għandu jiġi rkuprat jew mormi mingħajr ma jipperikola s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma jintużaw proċessi jew metodi li jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ambjent. Ir-rimi jew l-irkupru tas-sustanzi tossiċi li kkawżaw id-danni ambjentali inkwistjoni, kif ukoll tal-art ikkontaminata, f'bosta każijiet diġà jiffurmaw parti mir-rimedju tad-danni.

134. Skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva Kwadru dwar l-iskart, b'mod konformi mal-prinċipju li min iniġġes iħallas, l-ispiża tar-rimi tal-iskart għandha titħallas mid-detentur li jibgħat l-iskart lill-kollettur tal-iskart jew lill-impriża inkarigata mir-rimi tal-iskart u/ jew mid-detenturi preċedenti jew il-produttur tal-prodott li minnu ġie l-iskart. Skont id-Direttiva Kwadru dwar l-iskart, l-eżistenza ta' ħtija ma hijiex kundizzjoni għar-responsabbilità.

135. Kuntrarjament għad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, din id-dispożizzjoni ma ssemmix liema minn dawn il-persuni għandhom ibatu l-ispejjeż tar-rimi tal-iskart. Madankollu, fir-rigward ta' tixrid ta' idrokarburi fil-kuntest tal-operazzjoni ta' stazzjon ta' servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja telqet mill-premessa li, bħala regola, kien l-operatur tal-istazzjon ta' servizzi li kien responsabbli fil-kwalità tiegħu ta' detentur u ta' produttur ta' dan l-iskart[51]. Fil-każ ta' idrokarburi mxerrda aċċidentalment fil-baħar minħabba nawfraġju ta' tanker taż-żejt, sid il-bastiment li kien qed jittrasporta l-imsemmija idrokarburi kien, fil-fatt, fil-pussess tagħhom immedjatament qabel ma saru skart. Għaldaqstant, bħala regola, huwa għandu jbati l-ispejjeż relatati mar-rimi tagħhom[52].

136. Madankollu, ir-responsabblità ta' persuni oħra tista' tkun involuta meta dawn ikunu responsabbli għall-produzzjoni tal-iskart minħabba ċirkustanzi partikolari[53].

49 — Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Van de Walle *et* (C-1/03, Ġabra p. I-7613, punti 47 sa 50) u Commune de Mesquer (iċċitata iktar 'il fuq, nota ta' qiegħ il-paġna 27, punti 57 sa 59).

50 — Sentenza van de Walle et (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 52).

51 — Sentenza van de Walle (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 59).

52 — Sentenza Commune de Mesquer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 74).

53 — Ara s-sentenzi van de Walle (punt 60) u Commune de Mesquer (punti 76 *et seq*,) iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49.

137. Għalhekk, bosta fatturi jagħtu lok għal kunsiderazzjoni li fil-proċeduri prinċipali, b'mod konformi mad-Direttiva Kwadru dwar l-iskart, l-impriżi huma responsabbli għar-rimi tas-sustanzi tossiċi li huma xerrdu fl-ambjent mill-impjanti ta' produzzjoni tagħhom fil-kuntest tal-attività tagħhom.

138. Bħala regola, id-Direttiva Kwadru dwar l-iskart tipprekludi sistemi derogatorji bl-istess mod bħad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali. Dan ifisser li r-responsabbiltà primarja ta' min huwa prinċipalment responsabbli skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas tista' tiġi estiża, iżda ma tistax tiġi ssostitwita jew imnaqqsa. Għaldaqstant, wieħed ma jistax purament u sempliċement jirrinunzja milli jidentifika l-persuna responsabbli.

C — *Dwar id-domandi fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08*

139. Id-domandi mqajma fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08 ma jikkonċernawx il-prinċipju ta' responsabbiltà għal danni ambjentali, iżda d-definizzjoni tal-miżuri ta' rimedju skont id-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali. Peress li wieħed ma jistax jeskludi lid-Direttiva hija applikabbli għallinqas għal parti tad-danni ambjentali inkwistjoni [54], hemm lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi wkoll għal dawn id-domandi.

1. Fuq l-ewwel domanda magħmula fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08 — Tibdil tal-miżuri ta' rimedju

140. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tistabbilixxi jekk id-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità pubblika s-setgħa li timponi miżuri ta' rimedju differenti minn dawk li ġew deċiżi wara investigazzjoni kuntradittorja u li huma diġa approvati jew fil-proċess li jiġu implementati.

141. Id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ma tinkludix dispożizzjonijiet espliċiti dwar it-tibdil ta' ordnijiet ta' rimedju.

54 — Ara l-punti 54 *et seq*, iktar 'il fuq (b'mod partikolari, l-punt 57).

L-Artikoli 7(2) u 11(2) jindikaw biss li l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-miżuri ta' rimedju li għandhom jittieħdu. Huwa paċifiku li dawn il-kliem jistgħu jiġu interpretati fis-sens li jinkludu t-tibdil ta' miżuri ta' rimedju jew miżuri ta' rimedju addizzjonali[55].

142. Din l-interpretazzjoni hija meħtieġa b'mod partikolari minħabba li l-evalwazzjoni tal-effettività ta' miżuri ta' rimedju tista' tvarja matul jew qabel l-implementazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, ikunu inkompatibbli mal-għan ta' livell ta' ħarsien għoli u, minbarra dan, ikun potenzjalment sproporzjonat, li wieħed jibqa' marbut, mingħajr il-possibbilità ta' tibdil, mal-azzjonijiet ta' rimedju li ġew ordnati anki jekk, matul il-mogħdija taż-żmien, l-effettività tagħhom tkun dubjuża.

143. Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet rilevanti dwar it-tibdil ta' ordnijiet ta' rimedju fid-Direttiva, huwa l-kompitu tal-Istati Membri li jirregolaw din il-kwistjoni. Madankollu huma ma jistgħux joħorġu mill-kuntest imfassal mill-prinċipji applikabbli tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi[56] u ta' proporzjonalità[57] li għandhom jiġu osservati meta huma jittrasponu u japplikaw id-dritt Komunitarju[58].

144. Bis-saħħa ta' dawn il-prinċipji, l-aspettattivi leġittimi inkwantu ż-żamma ta' ordnijiet ta' rimedju jistgħu jiġu protetti meta l-atti tal-awtoritajiet amministrattivi joħolqu, fil-moħħ ta' operatur ekonomiku prudenti u attent, aspettattivi raġonevoli li dawn ma jinbidlux[59]. Madankollu, fin-nuqqas ta' ċertezza xjentifika fil-kuntest ta' rimedju tad-danni ambjentali, is-sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandhom ikunu rari.

145. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-miżuri ta' rimedju tad-danni ambjentali

55 — Dan ma għandux jitfixkel ma' "miżuri ta' rimedju kumplimentari" li, b'mod konformi mal-Artikolu 1(b) tal-Anness II, jikkumpensaw għat-telf ta' riżorsi naturali jew ta' servizzi li ma jistgħux jiġu rrestawrati.

56 — Sentenzi tat-3 ta' Diċembru 1998, Belgocodex (C-381/97, Ġabra p. I-8153, punt 26); tas-26 ta' April 2005, "Goed Wonen" (C-376/02, Ġabra p. I-3445, punt 32), u tal-14 Settembru 2006, Elmeka (C-181/04 sa C-183/04, Ġabra p. I-8167, punt 31).

57 — Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Köster, Berodt & Co. (25/70, Ġabra p. 1161, punti 21 *et seq*); tat-18 ta' Novembru 1987, Maizena *et* (137/85, Ġabra p. 4587, punt 15); tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et* (C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 13); tas-7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, Ġabra p. I-7285, punt 97), u tas-17 ta' Jannar 2008, Viamex Agrar Handel (C-37/06 u C-58/06, Ġabra p. I-69, punt 33).

58 — Sentenzi tal-24 ta' Marzu 1994, Bostock (C-2/92, Ġabra p. I-955, punt 16); tat-18 ta' Mejju 2000, Rombi u Arkopharma (C-107/97, Ġabra p. I-3367, punt 65); tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist (C-101/01, Ġabra p. I-12971, punt 87); tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 105); u tas-26 ta' Ġunju 2007, Ordre des barreaux francophones et germanophone *et* (C-305/05, Ġabra p. I-5305, punt 28).

59 — Sentenza Elmeka (ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, punt 32).

ma għandhomx jeċċedu l-limiti ta' dak li huwa xieraq u meħtieġ għar-riaabilitazzjoni tal-ambjent, peress li huwa mifhum li, meta teżisti għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-anqas oneruża u l-iżvantaġġi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu[60].

146. Fid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, b'mod partikolari, li l-miżuri mibdula diġà ġew implementati. Żgur li dan il-fatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-deċiżjoni dwar it-tibdil tal-miżuri, iżda dan ma jeskludix neċessarjament il-possibbilità ta' kwalunkwe tibdil. Ċertament, jista' jkun sproporzjonat li l-awtoritajiet kompetenti jnaqqsu ċerti miżuri ta' rimedju *a posteriori* billi jordnaw miżuri ta' rimedju oħra, mingħajr ma jiggarantixxu li dawn tal-aħħar jagħtu riżultati aħjar. Madankollu, jekk matul l-implementazzjoni tal-miżuri ta' rimedju jidher li dawn il-miżuri ma humiex biżżejjed, għandu jkun possibbli li jiġu ordnati miżuri mibdula jew addizzjonali sabiex jiġi żgurat is-suċċess tar-rimedju.

147. Għaldaqstant, fir-rigward tal-ewwel domanda, hemm lok li jiġi konkluż li d-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ma tipprekludix tibdil tal-ordnijiet ta' rimedju jekk il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju jiġu osservati.

2. Fuq it-tieni domanda magħmula fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08 — Nuqqas ta' analiżi tal-effetti

148. Għalhekk bħala regola l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jbiddlu ordnijiet ta' rimedju iżda għad iridu jiġu identifikati l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jagħmlu dan. Parti minn dawn il-kundizzjonijiet hija ttrattata mit-tieni domanda, li tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet kompetenti jistgħux ibiddlu *ex officio* ordnijiet ta' rimedju u jirrinunzjaw milli jevalwaw il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit, l-ispejjeż ta' implementazzjoni tal-miżuri ordnati meta mqabbla mal-benefiċċji raġonevolment mistennija, id-danni kollaterali possibbli jew probabbli u l-effetti negattivi fuq is-saħħa u sigurtà pubblika, kif ukoll it-termini meħtieġa għat-twettiq tal-miżuri mistennija.

60 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi Köster, Berodt & Co. (punti 28 u 32), Fedesa et (punt 13) u Viamex Agrar Handel (punt 35), iċċitati t-tnejn li huma fin-nota ta' qiegħ il-paġna 58, kif ukoll is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder HS Kraftfutter (265/87, Ġabra p. 2237, punt 21), u tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes et (C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 81).

a) Fuq l-ordnijiet imposti *ex officio*

149. Kif isostnu ENI *et* u ERG, mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali jirriżulta li, bħala regola, huwa l-operatur responsabbli li għandu jipproponi miżuri ta' rimedju. Din id-dispożizzjoni ssemmi bħala eċċezzjoni espliċita li l-awtorità kompetenti tista' tieħu l-miżuri ta' rimedju meħtieġa hija stess [Artikolu 6(2)(e)] b'mod partikolari meta l-operatur ma jistax jiġi imħarrek (Artikolu 6(3)).

150. Madankollu dan ma jfissirx li fil-każijiet oħra l-awtoritajiet għandhom dejjem jistennew il-proposti tal-operatur. Li kieku kien hekk l-operaturi jkunu jistgħu jibblokkaw jew għallinqas ixekklu r-rimedju tad-danni ambjentali billi jonqsu milli jaġixxu.

b) Fuq l-evalwazzjoni tal-effetti

151. Għaldaqstant, l-Artikolu 6(2)(b) sa 6(2)(d) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali jawtorizza lill-awtoritajiet li jittrasferixxu lill-operatur *fi kwalunkwe mument* il-miżuri ta' rimedju. L-Artikolu 11(2) jenfasizza wkoll li l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-miżuri ta' rimedju li għandhom jiġu adottati. Mill-premessa 24 jirriżulta espliċitament li din id-deċiżjoni tifforma parti mis-setgħa diskrezzjonali tagħha.

152. Ċertament li l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali jawtorizza lill-awtorità kompetenti li titlob lill-operatur ikkonċernat li jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu stess u li jikkomunikalha l-informazzjoni meħtieġa. Madankollu, l-awtorità ma hijiex marbuta li ssejjaħ lill-operatur f'dan ir-rigward.

153. Għalhekk, id-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali ma jidhirx li għandha dispożizzjonijiet li jipprekludu lill-awtorità kompetenti milli timmodifika miżuri ta' rimedju *ex officio*.

154. L-evalwazzjoni tal-effetti hija prevista fil-punt 1.3.1 tal-Anness II. Il-fatturi msemmija mill-qorti tar-rinviju fid-domanda

tagħha huma misjuba hemmhekk flimkien ma' kriterji oħra.

155. Bħala regola, fir-rigward tad-definizzjoni ta' miżuri ta' rimedju, l-Anness II għandu natura vinkolanti b'mod konformi mal-Artikolu 7(2) u mal-introduzzjoni tal-Anness. Madankollu, il-punt 1.3.1 huwa limitat għall-indikazzjoni li l-għażliet ta' rimedju raġonevoli "għandhom" ikunu evalwati. Fil-proposta tal-Kummissjoni kien diġà previst li din l-evalwazzjoni kellha ssir kull darba[61] iżda l-Kunsill biddel radikalment din id-dispożizzjoni u evidentement evita li jadotta formulazzjoni mandatorja[62].

156. Madankollu, din it-teknika leġiżlattiva ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti ma humiex marbuta li jwettqu evalwazzjoni waqt l-għażla ta' miżuri ta' rimedju. Min-naħa l-oħra, kwalunkwe deċiżjoni fuq dan il-punt tippreżupponi evalwazzjoni tad-diversi varjanti. B'mod partikolari, dan jidher mill-Artikolu 7(3) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali li jipprovdi li ċerti kriterji għandhom bilfors jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jkun hemm bżonn li ssir għażla bejn ir-rimedji tad-diversi danni. L-għażla bejn id-diversi miżuri ta' rimedju possibbli għad-dannu għandha, bħala regola, l-istess natura.

157. Il-prinċipju ta' proporzjonalità[63], imsemmi minn ENI *et* għandu, b'mod partikolari, jiġi meħud inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Il-leġiżlatur Komunitarju kkunsidra li l-kriterji imsemmija fil-punt 1.3.1 tal-Anness II tad-Direttiva fuq ir-responsabbiltà ambjentali kienu partikolarment adattati fid-dawl ta' deċiżjoni proporzjonali fuq il-miżuri ta' rimedju. Madankollu, din id-dispożizzjoni tippermetti marġni ta' diskrezzjoni rigward l-għażla tal-kriterji ta' evalwazzjoni. Ċertament din għandha ġeneralement tiġi eżerċitata billi jintużaw il-kriterji espliċitament indikati iżda l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwarrbuhom totalment jew parzjalment jekk ikun hemm raġunijiet f'dan is-sens.

158. Pereżempju huwa possibbli li miżuri partikolarment urġenti jkollhom jiġu deċiżi mingħajr ma jkun hemm, preċedentement, evalwazzjoni sħiħa konformi mal-punt 1.3.1

61 — Ara l-Anness II, punt 3.2.1 tal-proposta tal-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, nota ta' qiegħ il-paġna 21).

62 — Jidher li dan ġara għall-ewwel darba fir-redazzjoni tal-punt 1.3.1 tal-Anness II li jirriżulta mid-dokument tal-Kunsill 6191/03, tat-13 ta' Frar 2003.

63 — Ara l-punt 145 iktar 'il fuq.

tal-Anness II tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Minbarra dan, wieħed ma jistax jeskludi li l-għażla tkun iddettata minn kriterji ta' evalwazzjoni addizzjonali — fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami jew tal-esperjenza akkwistata.

159. Fi kwalunkwe każ, ġaladarba jintużaw il-kriterji ta' evalwazzjoni, ir-riżultat tal-evalwazzjoni u r-raġunijiet li minħabba fihom ma ġewx meħuda inkunsiderazzjoni ċerti kriterji imsemmija fil-punt 1.3.1 tal-Anness II tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali għandhom jitniżżlu fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni relattiva għall-miżuri ta' rimedju. Fil-fatt, l-Artikolu 11(4), fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jeħtieġ li r-"raġunijiet preċiżi" li jimmotivaw id-deċiżjonijiet relattivi għall-miżuri ta' rimedju jkunu indikati. Din il-motivazzjoni hija meħtieġa sabiex il-qrati nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jistħarrġu d-deċiżjoni[64].

160. Peress li mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li huma ma ġewx ikkonsultati dwar il-miżuri kkontestati, għandu jsir riferiment ukoll għall-Artikolu 7(4) tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Skont din id-dispożizzjoni, fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha ssejjah lill-persuni li fuq l-art tagħhom għandhom jitwettqu l-miżuri ta' rimedju biex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom u għandha teħodhom inkunsiderazzjoni.

161. Anki jekk, eċċezzjonalment, il-persuni responsabbli mir-rimedju ma humiex il-propjetarji tal-artijiet fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huma għandhom madankollu jinstemgħu. Fil-fatt, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tistrieħ fuq l-ipoteżi li ġeneralment dawn huma involuti iktar mill-qrib fl-identifikazzjoni ta' miżuri ta' rimedju. Skont l-Artikolu 7(1) huma għandhom jidentifikaw u jipproponu miżuri ta' rimedju. Jekk, b'mod derogatorju, l-awtorità kompetenti nfisha tidentifika l-miżuri, hija għandha, għallinqas, tagħti lill-persuni responsabbli għar-rimedju ċ-ċans li jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha.

162. ENI *et* ġustament jenfasizzaw li r-rekwiżiti proċedurali msemmija iktar 'il fuq japplikaw *a fortiori* fil-każ ta' tibdil ta' ordnijiet ta' rimedju. Jekk miżuri ta' rimedju ġew

64 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1987, Heylens *et* (222/86, Ġabra p. 4097, punt 15), tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, Ġabra p. I-1455, punt 36), u tat-30 ta' April 2009, Mellor (C-75/08, Ġabra p. I-3799, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

ordnati fl-ewwel lok wara evalwazzjoni birreqqa, it-tibdil tagħhom għandu jkun ibbażat fuq raġunijiet li jirrigwardaw l-evalwazzjoni magħmula inizjalment. B'mod partikolari, dan jissuponi li l-motivi l-ġodda jistrieħu fuq bażi xjentifika paragunabbli.

163. Madankollu, ir-responsabbiltà marbuta mal-evalwazzjoni ta' tidbil ta' miżuri ta' rimedju tista' tiġi mnaqqsa anki jekk informazzjoni sostanzjali tkun ġiet miġbura fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-miżuri ta' rimedju inizjali. Wieħed ma jistax jeskludi li informazzjoni ġdida relattivament limitata fid-daqs li pereżempju tirriżulta millosservanza tal-miżuri ta' rimedju, tpoġġi fid-dubju r-riżultati preċedenti u, meħuda flimkien ma' informazzjoni magħrufa oħra, tirrikjedi l-orjentament mill-ġdid tar-rimedju.

164. Fl-aħħar, hemm lok li jiġi rrilevat li limiti għall-evalwazzjoni ta' miżuri ta' rimedju, għall-motivazzjoni ta' deċiżjoni dwar miżuri ta' rimedju u għall-konsultazzjoni tal-operatur responsabbli ma jistgħux ikunu la "miżuri protettivi aktar iebsa" fis-sens tal-Artikolu 176 KE, u lanqas "dispożizzjonijiet aktar stretti" fis-sens tal-Artikolu 16 tad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali. Ir-rinunzja għal dawn l-istadji proċedurali ma għandhiex il-karatteristika li ssaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent iżda fil-fatt x'aktarx li theddidha. L-evalwazzjoni u l-konsultazzjoni huma intiżi li jgħaqqdu l-informazzjoni li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' rimedju. Min-naħa l-oħra, ir-raġunijiet ta' deċiżjoni jikkostitwixxu element ta' awtokontroll[65]. Jekk ma huwiex possibbli li jiġu fformulati raġunijiet konvinċenti, hemm lok li d-deċiżjoni terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid.

c) Risposta għat-tieni domanda magħmula fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08

165. Għaldaqstant, id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità kompetenti s-setgħa li tbiddel *ex officio* ordnijiet ta' rimedju. Normalment tali deċiżjoni għandha tiġi ppreċeduta minn evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit, l-ispejjeż ta' implementazzjoni tal-miżuri imposti f'relazzjoni mal-benefiċċji raġonevolament previsti, id-danni kollaterali

65 — Ara l-punt 97 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, C-413/06 P, Ġabra p. I-4951) u l-punt 32 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Mellor (sentenza tat-30 ta' April 2009, C-75/08, Ġabra p. I-3799).

possibbli jew probabbli u l-effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika, kif ukoll it-termini neċessarji għall-implementazzjoni kkunsidrata. Madankollu, fil-każijiet speċifiċi, l-awtorità kompetenti tista', filwaqt li tikkunsidra b'mod opportun is-sitwazzjoni, tiddeċiedi li tastjeni totalment jew parzjalment milli tipproċedi għal tali evalwazzjoni, jekk din id-deċiżjoni tittieħed wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u jekk hija tkun suffiċjentement immotivata.

3. Fuq it-tielet domanda magħmula fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08 — rabta bejn il-miżuri ta' rimedju u l-użu tal-artijiet.

166. It-tielet domanda magħmula fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08 tirrigwarda r-rabta bejn il-miżuri ta' rimedju u l-użu tal-artijiet. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk huwiex kompatibbli mad-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali li jiġu adottati ordnijiet ta' rimedju mibdula bħala kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu ta' artijiet li ma humiex direttament ikkonċernati mir-risanament, peress li dawn diġà kienu s-suġġett ta' risanament jew, fi kwalunkwe każ, ma humiex imniġġsa.

167. Id-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali tirregola direttament l-użu ta' artijiet biss sakemm dan ikollu rabta mal-miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju. Il-miżuri ta' prevenzjoni b'mod partikolari jistgħu jaffettwaw direttament l-attività eżerċitata fuq l-art, pereżempju meta għandhom jiġu osservati l-limiti massimi. Lanqas mhuwa pprojbit li, fil-kuntest ta' miżuri ta' rimedju, jiġu imposti kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti biex artijiet li għandhom jiġu mnaddfa jkunu jistgħu jiġu użati. Kif tirrileva l-Italja, għandhom jiġu evitati kunflitti possibbli bejn l-użu u r-risanament. Minbarra dan, il-punt 2 tal-Anness II tad-Direttiva fuq ir-responsabblita ambjentali juri pereżempju l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri biex jiġu evitati r-riskji għall-użu li jistgħu jirriżultaw mit-tniġġis ta' art.

168. Tali ordnijiet għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/35 u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet proċedurali tagħha li diġa ġew imfakkra.

169. Għalkemm, min-naħa l-oħra — kif jiġi mifhum mid-domandi preliminari — l-artijiet inkwistjoni ma jippreżentawx jew ma jikkawżawx iktar danni ambjentali, id-Direttiva 2004/35 ma tinkludix regoli applikabbli. B'mod partikolari, kuntrarjament għall-fehma ta' ERG, mid-Direttiva wieħed ma jista' jiddeduċi ebda interdizzjoni għar-restrizzjoni tal-użu ta' artijiet li ġew

kompletament issanati. Għall-kuntrarju, jekk ir-restrizzjonijiet għall-użu tal-imsemmija artijiet huma mezz effettiv u proporzjonat biex jiġu implementati l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali, id-dritt Komunitarju jista' saħansitra jpoġġi obbligu li dawn jiġu adottati[66].

170. Għaldaqstant, l-impożizzjoni ta' ordnijiet ta' rimedju mibdula bħala kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu ta' artijiet li ma humiex direttament ikkonċernati mir-risanament, peress li dawn diġà kienu s-suġġett ta' risanament jew, fi kwalunkwe każ, ma humiex imniġġsa, ma tmurx kontra d-Direttiva fuq ir-responsabbilità ambjentali.

D — *Fuq ir-raba' domanda magħmula fil-Kawża C-378/08 — Ħtieġa ta' kuntratt pubbliku*

1. Fuq l-ammissibbilità

171. Il-Kummissjoni tesprimi dubji serji dwar l-ammissibbilità tar-raba' domanda magħmula fil-Kawża C-378/08, peress li din issostni li l-qorti nazzjonali ma ppreżentatx b'mod ċar biżżejjed il-kuntest fattwali u ġuridiku tar-raba' domanda preliminari.

172. Huwa veru li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tkun utli għall-qorti nazzjonali tirrikjedi li din il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi[67].

173. Id-digriet tar-rinviju ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tirrileva biss li Sviluppo Italia kienet inkarigata mill-ippjanar u — fil-każ ta' nuqqas da parti tal-impriżi — mit-twettiq sussegwenti tal-miżuri ta' rimedju, barra minn kull proċeduri

66 — Ara pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2005, Berlusconi *et* (C-387/02, C-391/02 u C-403/02, Ġabra p. I-3565, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 — Sentenza tas-26 ta' Jannar 1993, Telemarsicabruzzo *et* (C-320/90 sa C-322/90, Ġabra p. I-393, punt 6); digrieti tad-19 ta' Marzu 1993, Banchero (C-157/92, Ġabra p. I-1085, punt 4); tat-30 ta' April 1998, Testa u Modesti (C-128/97 u C-137/97, Ġabra p. I-2181, punt 5), u tat-28 ta' Ġunju 2000, Laguillaumie (C-116/00, Ġabra p. I-4979, punt 15); sentenzi tad-9 ta' Settembru 2004, Carbonati Apuani (C-72/03, Ġabra p. I-8027, punt 10); tas-17 ta' Frar 2005, Viacom Outdoor (C-134/03, Ġabra p. I-1167, punt 22); tas-6 ta' Diċembru 2005, ABNA *et* (C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, Ġabra p. I-10423, punt 45); tal-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio (C-217/05, Ġabra p. I-11987, punt 26), u tat-2 ta' April 2009, Pedro IV Servicios (C-260/07, Ġabra p. I-2437, punt 29).

għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi u li Sviluppo Italia hija impriża maħluqa mill-Istat li topera fis-suq.

174. Ma hemmx indikazzjonijiet iktar preċiżi fuq l-għotja tal-kuntratt. Id-data u l-forma tal-għotja tal-kuntratt ma jidhrux, u lanqas il-kontenut eżatt jew il-valur tiegħu. Għall-kuntrarju, il-qorti tar-rinviju tillimita ruħha biex tiddeskrivi x-xogħlijiet li dwarhom ittieħdet deċiżjoni b'mod ġenerali ħafna bħala xogħlijiet "li għandhom impatt ambjentali qawwi u li l-infiq għalihom huwa għoli ħafna". Lanqas ma hemm indikazzjonijiet dwar il-kwistjoni li tirrigwarda sa fejn Sviluppo Italia hija kkontrollata mill-Istat. Finalment il-qorti tar-rinviju tonqos milli ssemmi d-dispożizzjonijiet tal-liġi Taljana li huma rilevanti għall-għoti ta' kuntratt.

175. Fir-rigward ta' dawn l-affermazzjonijiet impreċiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma tista' tiddetermina preċiżament għal-liema dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju għandu jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet legali dwar l-għoti tal-kuntratt u, iktar minn hekk, ma tistax tipproċedi għal interpretazzjoni fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, l-indikazzjonijiet misjuba fid-digriet tar-rinviju ma jippermettux lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti lill-qorti tar-rinviju interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tkun utili għaliha.

176. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li r-raba' domanda għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

2. Osservazzjonijiet addizzjonali għar-risposta mogħtija lid-domanda

177. Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi li għandha tiddeċiedi dwar ir-raba' domanda preliminari, jiena ser ninkludi fil-konklużjonijiet tiegħi ċerti punti dwar il-kuntest ġuridiku tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi fid-dritt Komunitarju li jistgħu jiffaċilitaw l-evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-fatti fil-kawża prinċipali mill-perspettiva tad-dritt Komunitarju.

178. Il-qorti tar-rinviju tqajjem id-domanda tal-kompatibbiltà mad-Direttivi 2004/18, 93/97 u 89/665 ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza l-għoti tal-implementazzjoni ta' miżuri ta' rimedju mingħajr proċedura għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

179. Kif tirrileva ġustament il-Kummissjoni, id-Direttiva 89/665 ma hijiex rilevanti biex

tingħata risposta għad-domanda dwar jekk, fil-kawża prinċipali, l-għoti ta' miżuri ta' rimedju ġietx magħmula konformament mad-dritt Komunitarju. Fil-fatt, id-Direttiva 89/665 għandha biss dispożizzjonijiet proċedurali dwar ir-rimedji fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' kuntratti. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 89/665 ma fihiex regoli sostantjali dwar il-proċedura tal-għoti nnifisha.

180. Il-Kummissjoni għandha wkoll raġun li ssostni li d-Direttiva 93/37 ma tidħirx li hija applikabbli *ratione temporis*. Fil-fatt, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 82 u 80(1) tad-Direttiva 2004/18, id-Direttiva 93/37 ġiet imħassra b'effett mill-31 ta' Jannar 2006. Id-Direttiva 93/37 ġiet sostitwita mid-Direttiva 2004/18[68]. Għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tindikax id-data tal-għoti tal-kuntratt lil Sviluppo Italja, hemm lok li wieħed jissuponi li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet misjuba fid-digriet tar-rinviju, l-għoti sar wara l-31 ta' Jannar 2006. Fil-fatt, il-pjan imfassal minn Sviluppo Italia, li jinkludi b'mod partikolari l-kostruzzjoni ta' ġżira artifiċjali, jidher li huwa proġett iktar reċenti li dwaru ttieħedet deċiżjoni għall-ewwel darba fl-20 ta' Diċembru 2007.

181. Għalhekk, il-qorti nazzjonali għandha, fl-ewwel lok, tivverifika jekk ninsabux fil-kuntest ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18. Għal dan hemm bżonn li jkun hemm "kuntratti pubbliċi" fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/18 u li d-Direttiva tkun applikabbli konformament mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-Kapitolu II. L-indikazzjonijiet li jinsabu fid-digriet tar-rinviju ma humiex suffiċjenti biex dan jista' jiġi vverifikat. Il-kuntest ġenerali tal-kawża preżenti jindika li dan huwa kuntratt ta' xogħlijiet u ta' servizzi li l-valur tagħhom jaqbeż il-limiti stabbiliti. Jekk dan huwa l-każ, bħala regola, il-proċedura ta' għoti ta' kuntratti prevista mid-Direttiva 2004/18 kellha tiġi applikata. In-natura obbligatorja ta' din il-proċedura lanqas ma tisparixxi neċessarjament jekk il-kuntratt inkwistjoni jkun ġie mogħti għaliex parti li għandha l-obbligu prinċipali li teżegwixxi x-xogħlijiet ma timplementax dan l-obbligu ("rimedju sostituttiva").

182. Madankollu, il-Gvern Taljan isostni li peress li l-kuntratt kien wieħed "in house", l-għoti tal-kuntratt ma kienx jaqa' fil-portata ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18. Polimeri *et* tikkontesta din l-analiżi.

183. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dispożizzjonijiet

68 — Ara l-premessa 1 tad-Direttiva 2004/18.

tad-dritt Komunitarju dwar il-kuntratti pubbliċi ma humiex applikabbli għall-kuntratti msejħa "in house" għaliex fil-każ ta' dawn l-operazzjonijiet interni ma hemm ebda kuntratt konkluż bejn żewġ persuni differenti. Wieħed ikun jinsab quddiem kuntratt "in house" meta ż-żewġ kriterji li ġejjin ikunu sodisfatti: l-ewwel nett, l-awtorità kontraenti għandha teżerċita fuq l-entità distinta inkwistjoni, li jingħatalha l-kuntratt, kontroll simili għal dak li hija teżerċita fuq is-servizzi tagħha stess. Il-parteċipazzjoni ta' entità privata fil-kapital azzjonarju tal-entità distinta inkwistjoni teskludi li l-awtorità kontraenti tkun tista' teżerċita fuq din l-entità kontroll simili għal dak li teżerċita fuq is-servizzi tagħha stess. It-tieni nett, l-entità inkwistjoni għandha twettaq l-essenzjal tal-operat tagħha flimkien mal-awtorità kontraenti li tikkontrollaha[69].

184. Polimeri *et* jirrilevaw li l-kapital ta' Sviluppo Italia ma huwiex miżmum kollu kemm hu mill-awtorità pubblika u li Sviluppo Italia lanqas ma twettaq l-essenzjal tal-operat tagħha flimkien mal-awtorità pubblika. Madankollu, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet fid-digriet tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tivverifika tali konstatazzjoni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha l-kompitu tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.

185. Fin-nuqqas ta' kuntratt "in house" u anki jekk wieħed jeskludi l-ipoteżi tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18, kuntratt ma jistax jiġi mogħti mingħajr pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt, ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 31.

186. L-unika dispożizzjoni rilevanti fil-kawża preżenti tista' tkun l-ewwel sentenza tal-Artikolu 31(1)(ċ) tad-Direttiva 2004/18. Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, kuntratt jista' jingħata permezz ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni preċedenti ta' avviż ta' kuntratt sa fejn dan ikun strettament meħtieġ meta l-urġenza estrema li tirriżulta minn ġrajjiet mhux mistennija mill-awtoritajiet kontraenti inkwistjoni ma tkunx kompatibbli mat-termini meħtieġa. Madankollu ma jidhirx li l-preparazzjoni u l-implementezzjoni tal-miżuri ta' rimedju kienu saru urġenti, mingħajr ma setgħu jkunu antiċipati mill-awtorità. Fil-fatt, it-tniġġis ilu jeżisti għal ħafna żmien u diġà kien is-suġġett ta' miżuri ta' rimedju oħra. Madankollu, din hija kwistjoni li definittivament taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti nazzjonali.

69 — Ara, fuq iż-żewġ kundizzjonijiet, is-sentenzi tat-18 ta' Novembru 1999, Teckal (C-107/98, Ġabra p. I-8121, punt 50); tal-11 ta' Jannar 2005, Stadt Halle u RPL Lochau (C-26/03, Ġabra p. I-1, punt 49); tat-13 ta' Jannar 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-84/03, Ġabra p. I-139, punt 38); tal-11 ta' Mejju 2006, Carbotermo u Consorzio Alisei (C-340/04, Ġabra p. I-4137, punt 33), u tad-9 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-480/06, Ġabra p. I-4747, punt 34).

VI — Konklużjoni

187. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha imsemmija iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari fil-Kawża C-378/08:

1. Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ma tapplikax għad-danni ambjentali kkawżati minn attivitajiet eżerċitati qabel it-30 ta' April 2007. Għaldaqstant, hija ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrigwarda r-rimedju ta' tali danni.

2. Id-Direttiva 2004/35/KE tipprekludi responsabbilità għal danni ambjentali li tkun indipendenti minn kwalunkwe kontribuzzjoni għall-fatt kawżali biss jekk tali responsabbilità tnaqqas ir-responsabbilità prinċipali tal-operatur responsabbli.

3. Id-Direttiva 2004/35/KE tippermetti

   — li ma jittieħdux miżuri intiżi li jidentifikaw il-kawżi ta' dannu jekk iż-żamma tal-investigazzjoni tkun inutili u

— li jittieħdu miżuri urġenti qabel ma tispiċċa l-investigazzjoni.

4. Id-Direttiva 2004/35/KE ma tipprekludix sistemi ta' responsabbilità mingħajr ħtija għal danni ambjentali.

5. Ir-raba' domandi hija inammissibbli

188. Il-Qorti għandha tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula fil-Kawżi C-379/08 u C-380/08 :

1. Id-Direttiva 2004/35/KE ma tipprekludix tibdil tal-ordnijiet ta' rimedju jekk il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju jiġu osservati.

2. Id-Direttiva 2004/35/KE ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità kompetenti s-setgħa li tbiddel *ex officio* ordnijiet ta' rimedju. Normalment tali deċiżjoni għandha tiġi ppreċeduta minn evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit, l-ispejjeż ta' implementazzjoni tal-miżuri imposti f'relazzjoni mal-benefiċċji raġonevolment previsti, id-danni kollaterali possibbli jew probabbli u l-effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika, kif ukoll iż-żmien neċessarju għall-implementazzjoni ta' tali miżuri. Madankollu, fil-każijiet

speċifiċi, l-awtorità kompetenti tista', filwaqt li tikkunsidra b'mod opportun is-sitwazzjoni, tiddeċiedi li tastjeni totalment jew parzjalment milli tipproċedi għal tali evalwazzjoni, jekk din id-deċiżjoni tiġi meħuda wara konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u jekk hija tkun motivata b'mod sodisfaċenti.

3. L-impożizzjoni ta' ordnijiet ta' rimedji mibdula bħala kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu ta' artijiet li mhumiex direttament ikkonċernati mir-risanament, peress li dawn diġà kienu s-suġġett ta' risanament jew, fi kwalunkwe każ, mhumiex imniġġsa, ma tmurx kontra d-Direttiva 2004/35/KE.